# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Mejju 2000 - Nru. 819



## 10 SNIN ILU: IL-PAPA F'GHAWDEX



# PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

- TIXTIEQ LI F'DIN IS-SENA TAL-ĠUBLEW IŻŻUR IL-POST FEJN IL-MADONNA WASSLETILNA MESSAĠĠ TA' PAĊI?
- MELA NGĦAQAD MIEGĦI L-KAN. DUN KARM CURMI F'DAN IL-PELLEGRINAĠĠ LI ŻGUR LI TIBQA' TIFTAKAR GĦAL ĦAJTEK KOLLHA.
- NITILQU FID-19 T'AWISSU SA' L-24 TA' L-ISTESS XAHAR. INKUNU F'LUKANDA "*FULL BOARD*" U L-IKEL DEJJEM "*BUFFET*".
- TĦALLUX GĦALL-AĦĦAR GĦAX IL-POSTIJIET HUMA LIMITATI.
- GHAL IKTAR INFORMAZZJONI ĊEMPLU FUQ IN-NUMRI 551448 JEW 0942 7573

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 mit sena ilu – Ir-riċevimenti tal-Gvernatur • 8
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - 10 snin mill-miġja tal-Papa fostna • 12
Iż-Żjara tal-Papa f'Għawdex bir-ritratti • 16
Siltiet mid-Diskorsi tal-Papa f'Għawdex • 18
X'qed tagħmel il-Knisja għaż-Żgħażagħ Għawdxin? • 20
Apprezzament: Mons. Carmelo Sacco • 22
X'jaħsbu l-qarrejja tagħna dwar ir-rivista • 24
Dun Ġorġ Preca u l-Umiltà • 26
Il-Ġublew : Jum il-Maħfra • 27
Jeddijiet u Dmirijiet (II) • 28
Xogħol u snajja' tradizzjonali f'Għawdex • 30
Wirt gżiritna : Il-Kartaġiniżi • 34
Bookmark • 36
Int u saħħtek - Influwenza • 38
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 819**
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**

**Abbonament : Lm 3**

**Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press"***
***Għajnsielem, Għawdex***

*Din il-ħarġa nghalqet għall-istampa fil-15 ta' April 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Għaxar snin miż-Żjara Pastorali tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Għawdex


# EDITORJAL



# Ħolma li seħħet

*Għaxar snin ilu, sewwa sew f'Mejju 1990, twettqet ħolma tal-poplu malti u għawdxi li wħud kienu jqisuha mpossibbli. Din kienet il-miġja tal-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II fi gżiritna. Kienet ħolma għaliex kien ilna s-snin nixtiequ naraw lill-Papa fuq artna, imma minħabba ċ-ċokon ta' gżiritna ħsibna li din qatt ma setgħet isseħħ. Iżda għaċ-ċokon ta' pajjiżna patta l-kobor tal-fidi tal-poplu tagħna u l-imħabba li niesna għandhom lejn il-Vigarju ta' Kristu.*

*Kienet ġrajja li tibqa' miktuba b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' pajjiżna. Ġrajja li la tħassret u l-anqas qatt titħassar mill-memorji tagħna. Anzi tkun episodju ewlieni fost il-ġrajjiet ta' l-istorja ta' ġensna. Il-preżenza tal-Papa fostna ħalletilna tifkiriet kbar li jixraq infakkruhom permezz ta' din il-ħarġa speċjali biex terġa' tiġġedded il-memorja ta' dawk il-ġranet sbieħ meta l-poplu malti u għawdxi kien madwar il-figura kariżmatika tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Dan hu l-Papa li jiġbed lejh l-ikbar folol li qatt rat id-dinja u jispirahom bl-imħabba u t-tama. Dgħajjef fil-fiżiku imma qawwi fl-ispirtu. Il-Papa rnexxielu fi ftit snin ibiddel l-istorja ta' diversi pajjiżi bla ebda ġlied jew tixrid ta' demm. Huwa rnexxielu jagħti l-libertà lill-popli ta' l-Ewropa tal-Lvant li kien ilhom snin kbar taħt ħakma totalitarja u atea.*

*Sikwit, permezz tal-T.V., inkunu nistgħu nsegwu l-vjaġġi tal-Papa, wieħed iktar iebes mill-ieħor. Dan l-aħħar kulħadd stagħġeb bil-ħila u l-kuraġġ tiegħu qalb popli antagonisti: il-palestinjani, il-lhud u l-insara fl-Art Imqaddsa. Irnexxielu jressaqhom lejn xulxin u jaqbdu t-triq tar-rikonċiljazzjoni permezz tad-djalogu. Huwa stess talab il-maħfra f'isem l-insara kollha għan-nuqqasijiet ta' l-imgħoddi.*

*X'eżempju għalina lkoll li niftaħru li aħna nsara kapaċi naħfru lil xulxin u nfittxu t-triq ta' l-għaqda! Wara għaxar snin nistħajlu lill-Papa jerġa' jagħmlilna l-istess appelli li għamel fid-diversi diskorsi meta kien fostna, li jgħaddu kemm jgħaddu snin, la jintesew u l-anqas jitilfu l-attwalità tagħhom.*




## TBERIK TA' VAPUR ĠDID

Nhar is-Sibt 4 ta' Marzu Mons. Isqof bierek il-vapur il-ġdid bl-isem "Ta Pinu" fil-Port tal-Imġarr fil-preżenza taċ-*Chairmain*, il-Bord u membri tal-ekwipaġġ tal-*Gozo Channel*. Preżenti wkoll kien hemm membri oħra distinti minn diversi ministeri konċernati fosthom l-Onorevoli Ministru għal Għawdex

## PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN GĦAS-SANTWARJU TA' PINU

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu, Mons. Isqof mexxa l-pellegrinaġġ Djoċesan tar-Randan għas-Santwrju tal-Madonna ta' Pinu. Wara l-pellegrinaġġ Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof qal li dan il-pellegrinaġġ fis-sena tal-Ġublew il-Kbir jgħinna nersqu iktar lejn Alla u nitolbuh maħfra, nfittxu li neħilsu mit-toqol tad-dnubiet u tal-pwieni li jista' jkollna minħabba fihom. Huwa għamel tiegħu t-talba ta' Madre Teresa ta' Calcutta biex il-Mulej jiftħilna għajnejna biex naraw lilu f'kulħadd, biex jiftħilna widnejna biex nisimgħu l-karba ta' min huwa batut, biex jiftħilna qalbna biex inħobbu lil kulħadd u biex jiftħilna jdejna ħalli ngħinu kull fejn meħtieg.

## PREMJAZZJONI FL-ISKOLA MINURI TAS-SEMINARJU

Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Marzu fis-sala tas-Seminarju saret il-premjazzjoni tal-istudenti. Mons. Isqof wassal il-messaġġ tal-okkażjoni u awgura lill-istudenti kollha għas-suċċess akkademiku tagħhom. Diskorsi oħra saru mir-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Teuma u l-*headmaster* tal-iskola Dun Effie Masini. F'din l-okkażjoni saret ukoll offerta ta' kotba għall-librerija tas-Seminarju mis-Sur Raymond Xerri, *past student* tas-Seminarju Minuri.

## ĊELEBRAZZJONIJIET BIEX IFFAKKRU L-25 SENA TA' ĦIDMA TAL-KAPPILLAN DUN MIKIEL BORG

Nhar il-Ġimgħa 17 ta Marzu Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja ta' San Lawrenz fl-okkażjoni tal-25 anniversarju tal-għażla tal-Kan Dun Mikiel Borg bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz. Mons. Isqof wassal il-messaġġ tiegħu għal din l-okkażjoni. L-għada s-Sibt 18 ta' Marzu Mons. Isqof kien il-kelliem ewlieni waqt l-akkademja Mużiko-Letterarja li saret ukoll fil-Knisja ta' San Lawrenz. Id-diskors ta' Mons. Isqof kellu t-tema "Il-Kappillan" u fih fisser it-tagħlim tal-kanoni dwar il-Kappillan. Il-mużika kienet immexxija mil-Kan. Dun Martin Portelli.

## LAQGĦA GĦALL-IRĠIEL FIS-SANTWARJU TA' PINU

Bħas-snin l-imgħoddija għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp Mons. Isqof mexxa quddiesa konċelebrata għall-irġiel u fiha wkoll wassal il-messaġġ tiegħu. Huwa qal li l-istorja tat-Trasfigurazzjoni li nqrat fil-Vanġelu ta' dak l-

ewwel Ħadd tar-Randan turina kif Kristu ried juri xi ftit mill-glorja tiegħu lil dawk it-tliet appostli magħżula. Kristu kien jaf li l-appostli kellhom jgħaddu minn esperjenza diffiċli u allura ried li permezz ta' din il-ġrajja jagħti ftit kuraġġ minn qabel lill-appostli tiegħu u hekk id-dehra glorjuża tat-Tabor tippreparahom għall-ġrajja dolorużа tal-Kalvarju. Huwa ħeġġeg lil dawk miġbura biex ifittxu dejjem li jagħtu kelma ta' nkuraġġiment lill-oħrajn.

## TQASSIM TAL-BIBBJA LIL-ISTUDENTI TA' FORM 1

Il-Kummissjoni Kateketika tad-Djoċesi ta' Għawdex ta' kull sena tieħu ħsieb tagħti kopja tal-Bibbja lill-istudenti ta' Form I. Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Bibbja lill-istudenti subien fl-iskola *Ninu Cremona* saret nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu fil-preżenza ta' Mons. Isqof li qassam il-ktieb tal-Bibbja lill-istudenti. Ċerimonja simili saret ukoll għall-istudenti bniet ta' Form I fl-iskola *Aguis De Soldanis*.

## VELJA TA' TALB F'JUM IN-NISA

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu, ġie ċċelebrat "Jum in-Nisa" b'velja ta' talb li saret fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. F'din il-Velja f'lejlet is-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej sar talb min nisa li jirrapreżentaw diversi kategoriji tal-ħajja. Mons. Isqof għalaq il-velja b'messaġġ lin-nisa u qal li huwa veru li l-mara tista' toħroġ taħdem fis-soċjetà u għall-ġid tas-soċjetà. iżda l-mara li tibqa' d-dar u tiddedika ruħha bħala omm għall-familja m'għandhiex titqies inferjuri fil-missjoni li hija twettaq b'tant għożża. Filwaqt li ddeplora s-sitwazzjoni ħażina li fiha sabu ruħhom ċerti nisa huwa għamel appell biex il-mara tkun miżmuma b'ġieħ, qima u rispett.

## GĦELUQ IX-XAHAR MILL-MEWT TA' MONS. GIOVANNI GALEA

Nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu, f'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' Mons. Giovanni Galea mix-Xagħra , Mons. Isqof mexxa quddiesa konċelebrata fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu fejn Mons. Galea kien Rettur għal iktar minn għoxrin sena. Fl-omelija Mons. Isqof semma' xi virtujiet ta' Mons. Galea u għamel sejħa lil kulħadd biex jimitawh fl-imħabba u d-dedikazzjoni tiegħu għal Kristu u l-Knisja tiegħu.

## ACIES TAL-LEĠJUN TA' MARIJA

Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni flimkien mad-diretturi spiritwali tal-Leġjun ta' Marija għall-membri kollha ta' din il-għaqda nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu ġewwa l-Knisja parrokkjali tax-Xewkija. Huwa ħeġġeġ lill-membri preżenti biex matul din is-sena tal-Ġublew jaħdmu iżjed biex jiġbdu oħrajn għal-Kristu.

## PRIZE DAY FL-ISKOLA PRIMARJA *SANTA TEREŻA*

Nhar il-Ħamis 30 ta' Marzu Mons. Isqof Nikol Cauchi ppreżenta l-premijiet lit-tfal tal-iskola *Santa Tereża* ġewwa Kerċem.

## ŻJARAT FID-DJAR TAL-MORDA

Nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu Mons. Isqof żar il-familja Cassar fix-Xagħra u ċċelebra s-sagrifiċċju tal-quddiesa b'ringrazzjament lil Alla f'għeluq snin tas-Sur Cassar.

## GĦELUQ TAL-EŻERĊIZZI TAR-RANDAN

Nhar is-Sibt 8 ta' April, Mons. Isqof mexxa quddiesa fil-Kappella ta' *Dar Manresa* għall-professjonisti li attendew għall-eżerċizzi li saru għalihom minn Dun Ġorġ Frendo.

L-Isqof ikkonkluda l-eżerċizzi ta' l-għarajjes organizzati fil-parroċċa tax-Xagħra. F'din il-konklużjoni Mons. Isqof tkellem dwar "Il-Familja Nisranija Ċenaklu ħaj".

## FESTA TAD-DULURI

Matul din il-ġurnata Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija f'diversi postijiet. Filgħodu l-istudenti bniet ta' l-Iskola *Aguis De Soldanis* attendew għal quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof fis-sala ta' l-istess skola. F'nofsinhar l-Isqof iċċelebra l-quddiesa fil-kwartieri tal-Pulizija u filgħaxija saret il-festa tal-Duluri b'quddiesa fi Pjazza Indipendenza u wara korteo bl-istatwa tad-Duluri li tinsab fil-knisja ta' San Ġakbu.



# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## Ftehim fl-Għasri



Il-Ġimgħa 3 ta' Marzu, il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri iffirma ftehim mad-Dipartiment tal-Libreriji u l-Arkivji biex tinfetaħ Librerija Pubblika fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali wasal għal dan il-ftehim fuq ix-xewqa tar-residenti stess li xtaqu librerija pubblika fir-raħal tagħhom wara nuqqas ta' tletin sena ta' dan is-servizz. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm is-Sur Victor Rizzo Direttur tal-Kunsilli Lokali, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, l-Onor. Austin Gatt il-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali, Carmen Grech Sindku ta' l-Għasri u s-Sur Philip Borg Direttur tad-Dipartiment tal-Libreriji u Arkivji.

## Jum il-Ħelsien



Bħal kull sena, Għawdex fakkar Jum il-Ħelsien b'ċerimonja kommemorattiva fi Pjazza Indipendenza, Victoria nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu. L-attivitajiet, li saru filgħodu, bdew b'marċ mill-Banda tal-Pulizija minn Pjazza Savina sa Pjazza Indipendenza fejn esegwiet xi xogħolijiet mużikali qosra. Wara, il-Ministru għal Għawdex poġġiet bukkett fjuri mal-Banca Giuratale taħt l-irħama kommemorattiva li tfakkar din il-ġrajja. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm ukoll l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone.

## Rekord ta' Maltin f'Għawdex

Fil-jiem bejn il-Ħamis 30 ta' Marzu u l-Ħadd 2 ta' April, il-Kumpanija *Gozo Channel* ġarret rekord ta' vetturi u passiġġieri bejn iż-żewġ gżejjer. Il-bastimenti tal-kumpanija, inkluż il-vapur ġdid Ta' Pinu, ħaddmu servizz kontinwu ta' ġarr, l-aktar għal dawk il-Maltin li approfittaw ruħhom minn vaganza ta' tlett ijiem biex iqattgħu *long weekend*

f'Għawdex. Numru kbir ta' lukandi u appartamenti kienu mimlijin bil-Maltin. Normalment, il-Maltin jitilgħu bi ħġarhom Għawdex għall-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir. It-turiżmu qawwi tal-Maltin, bla dubju ta' xejn, inħass ħafna minn dawk li joperaw stabbilimenti ta' l-ikel u negozji oħra bħal *bars* f'diversi lokalitajiet, fosthom f'Victoria, ix-Xlendi u Marsalforn. In-numru ta' *trips* bejn iż-żewġ gżejjer kien ta' mitejn sitta u sebgħin, disgħin vjaġġ aktar min-normal. Vetturi mill-Imġarr qasmu 5033 u miċ-Ċirkewwa 5142. Passiġġieri telqu mill-Imġarr 20,343 u miċ-Ċirkewwa 21,167.

## Twaqqif ta' Sezzjoni Ġdida



Fit-taqsima tas-Sigurtà Soċjali ta' Għawdex twaqqfet sezzjoni ġdida bl-iskop li kull applikazzjoni li ssir minn Malta jew Għawdex għall-benefiċċji ta' mard, qagħad jew żwieġ, tiġi pproċessata f'Għawdex u jekk tkun verifikata tiġi moqdija fi żmien ġimgħa. Qabel, dan il-proċess kien idum iktar minn xahar. Sabiex twaqqfet din it-taqsima, ġew ittrasferiti tletin skrivan li jaħdmu maċ-Ċivil minn Malta għal Għawdex. B'hekk, issa, din is-sezzjoni tlaħħaq mas-sittin skrivan Għawdxi. F'kumment, waqt żjara fl-uffiċċji l-ġodda ta' din it-taqsima tas-Sigurtà Soċjali, il-Ministru Giovanna Debono esprimiet is-sodisfazzjon tagħha għal dan il-pass u qalet li bit-trasferiment ta' dawn il-ħaddiema twettqet wegħda elettorali oħra tal-Gvern preżenti li aktar Għawdxin jiġu jaħdmu Għawdex.

## Malta lejn l-Ewropa - Fejn Wasalna

Il-Ħamis 30 ta' Marzu fis-sala tal-Kumpless *Tiġrija Palazz* fir-Rabat Għawdex, ġiet organizzata laqgħa ta' diskussjoni. Din il-konferenza ġiet indirizzata minn Dr. Roderick Pace, President tal-Moviment Ewropew u membru tal-*Malta EU Stearing and Action Commitee*, u minn Dr. Simon Busuttil Kap tal-*Malta Information Centre* u membru tat-tim tan-negozjaturi ta' Malta. Ġie diskuss il-progress ta' Malta fin-negozjati ma' l-Unjoni Ewropeja. Suġġetti trattati kienu l-proċess ta' *screening* li wassalna għan-negozjati, il-pjan nazzjonali għall-adozzjoni tal-*Acquis Communautaire*, kif ukoll l-ewwel kapitli tal-*Acquis* li nfethu ma' Malta.

## Mill-mewt ħarġet il-ħajja



*Noel Frendo*



*Ivan Refalo*

Fi tmiem ix-xahar ta' Marzu żewġ żgħażagħ mix-Xagħra Noel Frendo u Ivan Refalo tilfu ħajjithom b'mod traġiku fi ftit jiem wieħed mill-ieħor. Fuq xewq ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ stess, il-familjari tagħhom taw il-kunsens biex setgħu jittieħdu xi

organi biex isiru trapjanti fuq pazjenti li kienu jinħtieġu din il-kura partikulari.

## Jum il-Gradwazzjoni fiċ-Ċentru għall-Istudji Avanzati Sir Mikiel Anġ Refalo




Is-Sur Francis Mercieca, President tal-Kunsill Skolastiku ta' l-iskola Sir Mikiel Anġ Refalo, jidher jagħti premju speċjali lil George Cremona għall-impenn u l-ħeġġa partikulari li hu wera lejn l-iskola.

L-eżamijiet prattiċi tax-xjenza tal-MATSEC se jerġgħu jsiru f'Għawdex u hekk l-istudenti Għawdxin ibatu anqas u ma jħossuhomx żvantaġġati. S'issa l-istudenti Għawdxin kien ikollhom imorru Malta għal dawn l-eżamijiet. Din l-aħbar ingħatat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono waqt iċ-ċerimonja ta' gradwazzjoni ta' 255 student u studenta li jattendu c-Ċentru għall-Istudju Avvanzati Sir Mikiel Anġ Refalo. Il-Ministru saħqet li fl-aħħar sena u nofs il-Gvern investa aktar minn kwart ta' miljun lira f'dan iċ-Ċentru, li jiġbor fih sitt mitt student Għawdxi, biex jinbnew diversi laboratorji ġodda.

## Rappreżentazzjonijiet fil-Ġimgħa Mqaddsa

Matul iż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa kienu diversi l-attivitajiet li saru fil-gżira tagħna. Fost id-drammi li ġew imtella' insemmu *Veronica*, kitba tal-Kan. Joe Meylaq, li sar fix-Xewkija, *Minn Ilsiera Għamilna Ħielsa* fin-Nadur, *L-Imsallab*, miktub minn Joanne Debrincat, li sar f'Għajnsielem, *Triq il-Fidwa*, kitba ta' Alfred Grech, li sar il-Munxar, u *L-Emmaus tal-Pjazza* fix-Xagħra.

## Konferenza Annwali f'Għawdex

Il-Ħamis 13 ta' April infetħet f'Għawdex il-Konferenza Annwali tal-*Bank of Valletta* f'Għawdex mill-Ministru għal Għawdex. Fost punti oħra, il-Ministru qalet li Għawdex għandu jħarreġ u jipprepara liż-żgħażagħ għall-opportunitajiet ġodda ta' xogħol li qed jinħolqu minn diviżjoni internazzjonali tax-xogħol. Il-konferenza kienet indirizzata wkoll minn numru ta' kelliema prominenti li huma direttament involuti f'setturi differenti tar-riżorsi umani, fosthom Joseph FX Zahra, iċ-*Chairman* tal-*Bank of Valletta* u Godfrey Baldachhino, *Lecturer* fl-Università ta' Malta.


Manhattan Collection

għadu kemm waslitlu kunsinna ta' ħwejjeġ ġodda għal kull okkażjoni

✓ ilbiesi għat-tfal tal-griżma
✓ ilbiesi għall-ommijiet tat-tfal tal-preċett u tal-griżma
✓ ilbiesi għat-tiġijiet
✓ u ħafna okkażjonijiet oħra

10% off

Ċemplu fuq Tel: 553433

issibuna ħdejn il-kappella taċ-Ċawla




IL-ĠUBLEW IL-KBIR F'RUMA

TOUR TA' GĦAXART' IJIEM GĦALL-ITALJA U L-ISVIZZERA

10 - 20 ta' Lulju 2000

*organizzat mill-Knisja ta' Sant' Anton Abbati Xagħra*

Inżuru : Ruma u Belt tal-Vatikan, Milan, Lago di Como u Valtellina, St. Moritz (Svizzera), Livigno, Padova,Venezia, Verona , Gardaland

*Programmi u Bookings:*
Dun Ġwann Sultana.
Tel/Fax :558571 Tel: 565484.

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 85
Riċerka ta' Joseph Bezzina
©2000

# IR-RIĊEVIMENTI TAL-GVERNATUR

Il-ħamsa u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar għotja li l-Universitas kienet tagħmel darba fis-sena lill-Gvernatur ta' Għawdex bħala parti mill-ispiża tar-riċevimenti li kien jagħmel. Iġib id-data tat-13 ta' Ġunju, 1700 — tliet mit sena ilu. Tinsab reġistrata fit-tmien volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 29r (NAG, UG, Acta, 8/1699-1700, f. 29r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Michele Hagius, tesoriero di quest'Università del Gozo pagarete all'Illustrissimo Signor Cancelliere Fra Francesco Dua'hmel Governatore di detta Isola, scudi dieci dotto di moneta; segli devono di ragione d'un anno incominciato il primo instante e da finire l'ultimo instante; a ragione di Scudi dieci dotto l'anno gli da detta Università per suo trattenimento di che tirando vostra cautela ponerete ai vostri conti, li 13 giugnio 1700.**



Dokument ta' din ix-xorta qajla ltqajna miegħu. Il-Gvern lokali ta' Għawdex qiegħed, mid-dħul tiegħu, jgħaddi s-somma konsiderevoli ta' tmintax-il skut għat-*trattenimento* tal-Gvernatur.

Mikiel Hagius, it-teżorier tal-Universitas, kien awtorizzat jgħaddi dawn it-tmintax-il skut għall-ispiża tat-*trattenimento* tul is-sena 1700 kollha. Jidher li s-somma li kienet tiġi mgħoddija għal dan il-għan kienet tvarja, għaliex l-ordni lil Hagius ingħatatlu b'mhux b'mod strett, iżda għad-diskrezzjoni tiegħu.

Il-kelma *trattenimento* tista' tiftiehem b'żewġ modi. Tfisser qagħda u soġġorn, jew inkella trattament u riċeviment. It-test fih innifsu qajla jgħinek tifhem il-veru tifsira tal-kelma. Madankollu, nafu li l-Universitas ma kinitx responsabbli mill-paga tal-Gvernatur ta' Għawdex u l-qagħda tiegħu fil-gżira. Il-Gvernatur kien jirrappreżenta l-Granmastru f'Għawdex u l-paga tiegħu kienet toħroġ mit-teżor ta' l-Ordni. Għalhekk, b'esklużjoni ta' l-ewwel possibilità, jiġifieri ħlas għal soġġorn, jiġi li l-kelma tirreferi proprju għar-riċevimenti li minn żmien għall-ieħor kien joffri l-Gvernatur.

L-isem proprju tal-Gvernatur ta' Għawdex bejn l-1699 u l-1701 kien Francois du Hamel. Ir-residenza uffiċjali tiegħu kienet proprju fil-wesgħa żgħira li kien hemm quddiem il-Knisja Matriċi fiċ-Ċittadella u jista' jkun li r-riċevimenti kienu jsiru fis-sala ewlenija tar-residenza jew palazz żgħir. Mal-ħajt ta' din is-sala, li għadha teżisti sal-lum, għad hemm impittra diversi armi tal-Gvernaturi ta' Għawdex.

Meta kienu jsiru dawn ir-riċeviment mhux magħruf. Jista' jkun li wieħed minnhom kien jiġi ċċelebrat f'għeluq is-snin tal-għażla tal-Gran Mastru. Il-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' dak iż-żmien kien Ramon Perellos y Rôcaful, elett nhar is-7 ta' Frar, 1697. Riċeviment ieħor kien aktarx jinżamm nhar il-15 ta' Awwissu, jum Santa Marija, meta l-Gvernatur u l-ġurati ta' l-Universitas kienu jieħdu sehem fil-quddiesa li ssir fil-Matriċi f'jum il-festa.






## TRIQ PUTIRJAL U T-TURISTI

Waqt il-mawra tagħhom f'Għawdex it-turisti ftit jew wisq jieqfu r-Rabat, mhux biss biex jixtru imma wkoll biex jaraw x'toffri l-kapitali tal-gżira tagħna. Triq li minnha jgħaddu l-parti l-kbira tat-turisti hi Triq Putirjal, għax minn hemm jerġgħu jaqbdu x-xarabank. Wara tant xogħol ta' twessigħ u rranġar ta' bankini hija ħasra li s-sistema tal-bankini f'din it-triq baqgħet f'dak l-istat ta' miżerja li tinsab fih. Nistiednu lill-Kunsill Lokali ġdid tal-Belt Victoria biex jieħu ħsieb dan is-suġġeriment tagħna.

Jidhirli li f'dan ir-rigward għandna nagħtu każ ukoll tal-pjazez ewlenin tar-Rabat u tat-toroq karatteristiċi tagħha, li bi ftit aktar għaqal żgur jistgħu jgħinu biex nisfruttaw aħjar il-potenzjal turistiku ta' Għawdex u tar-Rabat in partikolari. Sfortunatment il-pjazez u t-toroq tagħna jservuna biss biex nipparkjaw il-karozzi, għax aħna, jekk nimxu ħames minuti biex naslu d-dar jew fil-post tax-xogħol, nixxawtu! Ħwienet ta' l-artiġjanat ta' pajjiżna fiż-żoni fejn jgħaddu t-turisti żgur li jkollhom mpatt tajjeb fuq is-settur turistiku.

## VIA SAGRA DJOĊESANA

Fil-bidu t'April ġiet organizzata via sagra djoċesana fuq l-Għolja t'Għammar. Qaluli li organizzaha l-grupp Gym Talb Madonna Ta' Pinu. Kienet sabiħa ħafna tara dawk il-persuni jalternaw fil-qari, fit-talb u fl-irfigħ tas-salib. Meta staqsejt kif organizzawha qaluli li kull parroċċa kellha taqra l-meditazzjonijiet u t-talb marbuta mal-15-il stazzjon li hemm ma' din l-għolja: 15-il stazzjon: wieħed għal kull parroċċa. Innotajt iżda li mhux kull parroċċa kienet rappreżentata. Anzi, kien hemm ħafna parroċċi li ma kienu rappreżentati xejn. Veru li xi parroċċi kellhom l-eżerċizzi tar-Randan. Imma possibbli li kull darba li jkun hemm inizjattiva djoċesana isibuha tant bi tqila biex jipparteċipaw? Tgħidlix li f'parroċċa ma jistgħux jinstabu ftit persuni, ftit ħafna(!), li jistgħu jieħdu sehem f'inizjattivi bħal dawn?!

## KAMPANJA GĦAL DONATURI TA' L-ORGANI

Kien waqt quddiesa tal-Ħadd fil-bidu tar-Randan meta smajt lill-kappillan jaqra avviż li l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ kienet qed tniedi kampanja biex aktar Għawdxin, speċjalment żgħażagħ, jinkitbu bħala donaturi ta' l-organi. Qatt qabel ma kont ħsibt f'din il-ħaġa. Imma bdejt naħseb ftit ftit x'tista' tfisser kieku jien kont marid serjament u l-unika tama tiegħi kienet trapjant ta' l-organi. Il-mewt traġika ta' dawk iż-żewġ żgħażagħ mix-Xagħra, li ftit jiem qabel il-mewt tagħhom kienu wrew ix-xewqa li f'każ ta' mewt kienu lesti jagħtu l-organi tagħhom, kif imbagħad sar, wasslitni biex niddeċiedi li jien ukoll insir donatur ta' l-organi. Ommi ma riditx, imma fl-aħħar ikkonvinċejtha. Ifhmuni: jien il-ħajja inħobbha ħafna u nibża' għaliha; imma nemmen li ġest bħal dan aktar ikun jixraq lin-nisrani, li fuq l-eżempju ta' Kristu juri din id-disponibilta' li jagħti ħajtu għall-oħrajn.

Illum jien sirt donatur ta' l-organi, u ferħan li għamilt dan il-pass.

## "INWELLDU L-ĠEJJIENI FLIMKIEN"

Dan hu l-isem-messaġġ tad-dokument magħruf bħala l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali l-ġdid maħruġ mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni li għandhu jidħol fis-seħħ f'Settembru li ġej. Dan id-dokument jista' jitqies bħala l-proġett ta' edukazzjoni skolastika li trid tingħata lill-istudenti ta' pajjiżna fis-snin li ġejjin.

Hu nteressanti taqra n-nota dwar kif dan id-dokument iqis ir-relazzjoni edukazzjoni-student meta jitkellem mit-tagħlim bħala "żvilupp sħiħ" tal-persuna (ta' l-istudent): "Il-kunċett ta' żvilupp sħiħ tal-persuna jpoġġi lill-istudent fiċ-ċentru tas-sistema. Għalhekk il-kurrikulu għandu jaqdi lill-istudenti u mhux bil-kontra." Id-dokument ikompli hekk: "Esperjenza edukattiva li twassal għal żvilupp sħiħ tagħraf ukoll li t-tagħlim psiko-motorili, intellettwali, affettiv, soċjali u kulturali huwa interdipendenti. Għalhekk, il-komunita' edukattiva tkun qed tonqos jekk tipprivileġġja xi wieħed minn dawn l-aspetti." (paġ. 26)

Kliem ħafna sabiħ. Lili għaddewli xi sillabi tal-matrikola tal-livell avanzat, fosthom is-sillabu tar-reliġjon. Fihom kwantita' inkredibbli ta' materjal għall-istudju. Nixtieq inkun naf kemm dawn is-sillabi, li jridu jiġu mgħoddija mill-għalliema matul il-ħin ta' l-iskola



u li jridu jiġu studjati mill-istudenti, qed jippermettu dan l-iżvilupp sħiħ! Mhux talli hekk, imma qed ikomplu juru kemm fil-mentalita' tagħna l-edukazzjoni skolastika tfisser studju kontra studju biex fl-aħħar tgħaddi mill-eżamijiet neċessarji biex tkompli l-universita'. Għax ma ssaqsux lill-istudenti li jiffrekwentaw l-iskola post-sekondarja Sir Mikiel Anġ Refalo kemm sigħat ikollhom iqattgħu l-privat!

L-istess diskors jgħodd ukoll għal-livell primarju u sekondarju. Jekk is-sillabi jibqgħu kif inhuma, niddubita kemm l-għalliema ser ikunu lesti jinbidlu fil-"mentalita', il-kultura u l-metodoliġa (tat-tagħlim)" kif talab il-Ministru Louis Galea fl-ittra li takkumpanja dan id-dokument.

## JUM IL-PREMJAZZJONI

Qanqluni biex nikteb dwar dan diversi kummenti simili minn diversi persuni f'diversi okkażjonijiet. Ġara f'aktar minn skola waħda, f'tal-kbar u f'taż-żgħar, li dritt kif l-istudenti konċernati rċevew il-premju tagħhom, telqu dritt 'il barra mis-sala bil-familjari b'kollox. U dan għamluh mhux student jew tnejn biss. X'mistħija! Mank l-edukazzjoni li tistenna li kulħadd jirċievi l-premju! Mank naqra sens patrijottiku li jistennew li jitkanta l-Innu Malti! X'jimpurtahom minn sħabhom li għadhom jistennew il-premju! L-aqwa li ħadu l-premju huma. Il-gwaj hu li anke l-ġenituri jaħsbuha l-istess. Tħabat u stinka surmast! Forsi aħjar nibdew skola għall-ġenituri milli għall-ulied!

## ĠRAT LAMPEDUSA

Lampedusa hi gżira ċkejkna fil-Mediterran, ċkejkna bħall-gżira tagħna. Tagħmel parti mill-istat Taljan. Qrajt fuq gazetta Taljana ġrajja bejn id-daħk u r-rabja. Saċerdot minn Sqallija mar jiċċelebra quddiesa tat-tieġ tan-neputi tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' din il-gżira. Meta wasal hemm, il-kappillan qallu li dik kienet il-knisja tiegħu u l-quddiesa kien ser imexxiha hu: jikkonċedilu biss li jmexxi r-rit tat-tieġ u xejn iżjed. Miskin dak is-saċerdot, baqa' miblugħ. Daqstant ieħor baqa' neputih!

Dawn praspar ta' Lampedusa, gżira żgħira f'nofs il-Mediterran.

## IL-MAĦFRA... TAL-ĠUBLEW!

Il-midinbin jitolbu maħfra lil Alla; il-Papa jitlob maħfra għall-ħtijiet ta' l-insara matul is-sekli, speċjalment ta' l-offiżi matul is-sekli lil-Lhud; pajjiżi li jippruvaw jaħfru d-djun ta' pajjiżi fqar; presidenti li jagħtu l-maħfra... Kollu sabiħ. Jalla nirbħu l-Indulġenza kollha kemm aħna.

Għadni qatt ma smajt lil ħadd, b'mod individwali jew kollettiv, jitlob maħfra lill-Knisja! Tgħid il-Knisja qatt ma rċeviet offiżi, fil-passat imbiegħed u fil-passat qarib, minn individwi, partiti u organizzazzjonijiet?

## L-GĦAWDXIN TA' MALTA

Mhux qed nirreferi għall-Għawdxin li żżewġu u għażlu li jibqgħu jgħixu Malta, imma għal dawk il-ħafna Għawdxi, universitarji u ħaddiema, li jqattgħu numru ta' snin jaqsmu bejn il-gżejjer. Kif qed tipprova taħseb fihom il-Knisja Għawdxija? Wasalx iż-żmien li l-Knisja f'Għawdex tiddelega saċerdot, Għawdxi jew Malti, biex isegwi f'Malta stess, kif jista', il-ħajja spiritwali ta' dawn l-insara Għawdxin?

## JOQORBU L-FESTI

Ma' l-aħħar ta' Mejju jibdew il-festi parrokkjali: id-daqq, il-murtali... u forsi l-ġlied. Nirrepeti suġġeriment li konna għamilna fil-ħarġa ta' Ottubru 1999: "B'sinjal ta' rikonċiljazzjoni fost l-insara tagħna (f'din is-sena tal-Ġublew) nissuġġerixxi biex dawk il-parroċċi li għandhom xi forma ta' firda storika bejniethom jiċċelebraw festi u ċelebrazzjonijiet liturġiċi flimkien." Hemm diversi modi kif dan jista' jseħħ, fosthom li l-kleru ta' parroċċa jiġi mistieden jieħu sehem fil-pontifikal, jew fil-purċissjoni tal-festa, jew imexxi xi quddiesa tat-tridu ta' parroċċa oħra; li l-baned opposti jiġu mistiedna jdoqqu f'xi mument tal-festa... Possibiltajiet hemm żgur; imma rieda tajba hemm?

Suġġeriment ieħor jista' jkun li l-parroċċi jiftehmu flimkien li jagħtu perċentwal - skond ir-riżorsi tagħhom - mill-ispejjeż tal-festa b'risq xi opra ta' karità tal-Knisja f'Għawdex. Bżonnijiet u possibiltajiet ta' ġest bħal dan f'Għawdex hawn żgur. Dan jista' jkun l-aqwa monument "ħaj" li jfakkar għal dejjem il-ġrajja tal-Ġublew il-Kbir fid-djoċesi tagħna. X'jaħseb il-Kulleġġ tal-Kappillani dwar dan?

MARIO
DISPENSING · OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# L-INTERVISTA

***Għaxar snin ilu, preċiżament bejn il-25 u s-27 ta' Mejju 1990, fil-gżejjer tagħna kellna x-xorti li nilqgħu lill-Papa Ġwanni Pawlu II fi żjara pastorali. Għadhom ħajjin fil-moħħ u l-qalb tagħna l-immaġni tal-Papa f'Għawdex tagħna nhar is-Sibt 26 ta' Mejju. Il-wasla tiegħu fl-Imġarr, id-dħul tiegħu f'Ta' Pinu, l-entużjażmu tal-folla u ċ-ċapċipa li ħarġet minn qalbna meta rajnieh ipoġġi l-istellarju fuq ras il-Madonna Ta' Pinu, u ż-żjara fil-Katidral tagħna, għadhom friski fil-memorji tagħna u għandna nieħdu pjaċir nerġgħu insemmuhom. F'din l-intervista Dun Eddie Zammit talab il-kummenti u l-impressjonijiet lil diversi persuni li b'mod jew ieħor kellhom x'jaqsmu mal-żjara tal-Papa.***

## Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex

F'dan ix-xahar ta' Mejju 2000 ikunu għaddew għaxar snin minn meta l-Papa Ġwanni Pawlu II żar il-gżejjer ta' Malta u Għawdex, u b'hekk sar l-ewwel Papa li qatt żar pajjiżna fl-elfejn sena tal-Kristjaneżmu.



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II isellem lill-folla f'Ta' Pinu*

Din iż-żjara storika ġiet imħejjija bi preparazzjoni twila, li fiha kellu sehem kbir in-Nunzju Apostoliku ta' dak in-nhar, Mons. Pier Luigi Celata li ħabrek kemm felaħ biex dan l-avveniment jirnexxi kif imiss.

Ġejt mitlub biex nagħti fil-qosor xi ħjiel ta' din il-viżta pastorali tal-Papa kif għaddejt minnha jiena stess fl-esperjenza tiegħi u kif niftakarha llum. Huwa fatt li l-preparazzjoni bdiet minn kmieni ħafna u switilna ċerti sagrifiċċji mhux żgħar. Qabel xejn intgħażlu l-kumitati responsabbli għall-organizazzjoni. Aħna l-isqfijiet tlajna iktar minn darba Ruma fejn ġejna kkonsultati dwar id-diskorsi li kellhom isiru u ntalab ukoll il-parir tagħna dwar ċerti dettalji tal-programm taż-żjara. Ta' min jgħid li għad li kienet xewqa tiegħi li ż-żjara tkun itwal u b' iktar ħin fid-djoċesi t'Għawdex, kellna nikkuntentaw ruħna li b'kollox iż-żjara tieħu tlitt ijiem, u fil-gżira tagħna l-Papa dam minn filgħodu sa wara l-ikel.

Aħna ridna wkoll li l-miġja tal-Papa ma tkunx biss manifestazzjoni ta' entużjażmu reliġjuż, iżda okkażjoni li tħalli frott spiritwali fil-poplu tagħna. Difatti fil-messaġġ li konna ppublikajna fid-19 ta' Marzu, l-Arċisqof Mons. Mercieca u

jiena konna ktibna: "Aħna lkoll qed nitolbu li ż-żjara pastorali ssaħħaħ ir-rabtiet tagħna mas-Sede ta' Pietru, twettaqna fil-fidi u tgħinna negħlbu l-ħażen li hemm ġo fina, biex aħna, bħala nies impenjati li nimxu wara Kristu, nkunu dejjem nazzjon magħqud, mogħti għall-imħabba u s-servizz ta' Alla u ta' l-aħwa".

Nixtieq nillimita ruħi għal dak li ġara fil-gżira ta' Għawdex u nibda biex ngħid li dawk il-ġranet għalija ma kienux għajr taqtiegħ il-qalb. Għad li ftit nies kienu jafu b'dan, jiena kelli nformazzjoni minn qabel illi kieku dak il-jum tas-26 ta' Mejju 1990 kellu jisbaħ bil-maltemp, il-vjaġġ tal-Papa għal Għawdex kellu jiġi kkanċellat. Ħadt nifs 'il ġewwa, għalhekk, meta filgħodu sebaħ bnazzi, u iktar ukoll meta ċempluli li l-katamaran li fuqu kien hemm il-Papa kien riesaq lejn l-Imġarr. Il-laqgħa li l-Għawdxin għamlu lill-Papa mal-wasla tiegħu f'Għawdex kienet waħda sabiħa, u jiena kelli nuża l-enerġija tiegħi kollha biex, bil-għajnuna tal-membri tal-Kumitat organizzattiv u ta' oħrajn, nikkontrollaw l-entużjażmu mhux dejjem moderat li wera l-poplu tagħna.

Iz-zuntier tal-Bażilika Ta' Pinu u t-triq ta' quddiemha kienu ffullati bin-nies. Minn fuq it-tribuna li tlestiet apposta, il-Papa ippresieda l-konċelebrazzjoni u għamel l-omelija, li fiha tkellem fuq il-familja nisranija u r-rwol tagħha fis-soċjetà tal-lum.

Ħoloq xi ftit tal-ansjetà għall-organizzaturi l-fatt li kważi sa xħin bdiet il-quddiesa s-sistema tal-*loudspeakers* ma kienitx qed tiffunzjona tajjeb, iżda mbagħad sa tmiem il-quddiesa kollox mar sewwa.

F'dak il-jum il-Papa ppranza fis-Seminarju flimkien mas-superjuri, is-seminaristi u xi mistednin oħra. Ftit wara l-ikla, il-Papa twassal fil-*Popemobil* fil-Katidral fejn kienu qegħdin jistennewh il-Kanonċi tal-Katidral, il-membri tal-Kleru Għawdxi u rappreżentanti tal-Għaqdiet tal-Lajċi, membri tal-Kunsilli Parrokkjali u l-qraba tal-missjunarji Għawdxin. Wara d-diskors interessanti li għamel fil-Katidral, il-Papa temm iż-żjara tiegħu f'Għawdex u rritorna lejn Malta, fejn kompla l-programm intens li kellu.

Żgur li żjara hekk impressjonanti tibqa' dejjem ħajja fil-memorja tal-poplu Għawdxi.



*Il-Papa jpoġġi stellarju tad-deheb madwar ras il-Madonna Ta' Pinu*

## *Mons. Beneditt Camilleri, Rettur tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu*

Il-miġja tal-Qdusija Tiegħu l-Papa f'Malta u speċjalment fis-Santwarju Ta' Pinu u l-entużjażmu li wera l-poplu Malti u Għawdxi f'din iż-żjara, għalija kienu jfissru ħafna u ma jistax ikun li ninsihom. Huwa veru li għalija kienet taħbita kbira biex inħejju dak kollu li kien meħtieġ, imma l-Madonna ma naqsitx li tibgħat għadd ta' persuni biex jagħtu l-għajnuna tagħhom, speċjalment il-Perit Joe Mizzi u s-Sur Carmelo Grech li ppjantaw u mexxew it-twaqqif tat-tribuna, u d-Ditta FX Borg li ħadmitha mingħajr ebda ħlas, u tant persuni oħra li impossibli li nsemmihom kollha.

Ix-xewqa li l-Papa jiġi Malta u jżur u jqaddes fis-Santwarju Ta' Pinu kien ilha tberren sewwa f'moħħi minn meta ċċelebrajna l-Kungress Marjoloġiku-Marjan, fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċentenarju mis-Sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima fl-1883, u kienet ukoll ix-xewqa tiegħi li meta jkun fis-Santwarju jżejjen l-immaġni tal-Madonna bi stellarju tad-deheb. Din il-ġrajja kellha sseħħ seba' snin wara fuq stedina tal-Konferenza Episkopali. U bit-tħabrik tan-Nunzju Apostoliku, Pier Luigi Celata, li kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna Ta' Pinu, u fuq talba ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, f'isem id-devoti tal-Madonna, il-Papa qiegħed stellarju ma' ras ix-xbieha tal-Madonna. Dan



*Flimkien mas-Superjuri u Seminaristi waqt iż-żjara li l-Papa għamel fis-Seminarju ta' Għawdex*

imħejji. Fost dawn tibqa' impressa f'moħħi l-Inkurunazzjoni tal-Madonna mill-Qdusija Tiegħu nnifsu, mument tassew kommoventi.

U jekk il-wasla tal-Papa fil-pjazza Ta' Pinu kienet entużjażmanti, daqshekk ieħor emozzjonali kien il-mument meta, wara li temm il-Quddiesa, waqt li l-Papa kien ser jibda nieżel it-taraġ tal-palk, ersaqt lejh, inżilt għarkubbtejja, bistlu jdejh u tlabtu jberikni. Hu ħares lejja u qalli: "Tkun imbierek! Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!"; kelmiet li żgur jibqgħu jidwu f'widnejja, daqskemm jibqgħu stampati f'moħħi u b'għożża jibqgħu mnaqqxa f'qalbi dawk is-sentimenti spiritwali intensi li ħassejt meta kont fuq l-istess palk, hekk qrib tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, Vigarju ta' Sidna Ġesù Kristu.

għalija kien ifisser ħafna, għaliex il-mod kif il-Q.T. il-Papa laqa' l-istedina u l-ħin twil li għadda għarkubbtejh quddiem ix-xbieha tal-Madonna, barra li wrew l-imħabba li l-Papa għandu lejn il-Madonna, huma tagħlima għalina lkoll. Kemm huwa meħtieġ li nersqu dejjem aktar lejn din l-Omm spiritwali tagħna, u nkomplu nikkonfermaw is-sejħa li għamlitilna l-Madonna permezz ta' Karmni Grima, biex inżuruha u nfittxu l-għajnuna tagħha f'dan il-post qaddis Ta' Pinu!

Bħala l-persuna responsabbli minn dan is-Santwarju, li l-għan tiegħi mhux ħlief li nara dejjem tikber l-imħabba lejn il-Madonna, ma jistax jonqos li napprezza immens din iż-żjara u li tibqa' mħażża ġo moħħi sakemm il-Mulej iżommni ħaj.

## *Is-Sur Bennie Mercieca, animatur waqt il-Pontifikal tal-Papa f'Ta' Pinu*

F'intervista qasira li kienet saritli fuq it-*television* waqt it-trasmissjoni diretta tal-Pontifikal tal-Papa f'Ta' Pinu, jiena kont stqarrejt li dik il-ġrajja kienet avveniment storiku, okkażjoni straordinarja u esperjenza spiritwali intensa. U għalija personalment, dan kellu tifsira aktar billi, providenzjalment, il-Kumitat Organizzattiv responsabbli għaż-żjara tal-Papa talabni biex inkun animatur mhux biss għal qabel il-wasla tal-Papa f'Ta' Pinu, imma wkoll waqt il-Pontifikal Solenni.

Bħala animatur kelli nimla l-ħin ta' qabel b'kummentarju twil ta' tagħrif dwar ħajjet il-Papa u l-ħidma pastorali tiegħu b'eżortazzjonijiet ta' talb u invokazzjonijiet, b'innijiet u akklamazzjonijiet. Għal waqt il-Quddiesa Solenni tal-Papa, mbagħad, jien kelli nanima l-folla kbira preżenti għal parteċipazzjoni devota, attiva u dixxiplinata, b'interventi marbuta ma' kull ma kellu jsir skond il-Liturġija u l-programm

## *Maria Attard, li tat sehemha fit-tħejjijiet għaż-żjara tal-Papa f'Ta' Pinu*

L-ewwel ħsieb li jiġini f'moħħi meta niftakar fiż-żjara tal-Papa f'Għawdex hu l-entużjażmu li kien hawn, il-preparazzjoni intensa, l-ferħ fuq wiċċ dawk li kienu jistennew b'fidi l-miġja tal-Kap tal-Knisja, ir-Ragħaj tal-merħla. Ma' dan niftakar is-sema sabiħ u arja friska u ċara tar-rebbiegħa. Personalment tajt is-sehem ċkejken tiegħi fil-preparazzjonijiet li saru f'Ta Pinu fejn hemm saret l-ewwel quddiesa tal-Papa fil-gżejjer tagħna.

Niftakar sew li t-tema kienet Marija u l-familja: ir-rwol tal-familja għad-dell tal-ħarsien ta' Marija fin-nisġa tal-programm edukattiv tagħha fil-formazzjoni tal-membri tagħha, biex ikunu wlied is-soċjetà ta' llum, b'sens kbir ta' responsabiltà, u wlied il-Knisja b'impenn imġedded għall-valuri ta' l-Evanġelju. Fil-fehma tiegħi, il-Papa kompla jsaħħaħ dan id-diskors fil-messaġġ li wassal fil-Katidral dwar il-ħidma ta' Evanġelizazzjoni li għandha ssir f'pajjiżna. Il-Papa qalilna li għandna bżonn ngħixu l-Vanġelu b'mod aktar sħiħ u perfett, nirsistu biex ikun hawn l-għaqda, biex hekk inkunu xhieda li tqanqal l-ammirazzjoni li twassal għall-konverżjoni.

It-tluq tiegħu mill-Imġarr, li stajt ingawdi mid-dar, kienet xena li ma ninsiha qatt. Dawk id-dgħajjes jakkumpanjawh fit-tluq tiegħu, f'baħar kaħlani, sfħajjiltu meta Ġesù kien jivjaġġa fuq il-baħar tal-Galilea u ħafna kienu jmorru warajh fuq id-dgħajjes tagħhom.

## *Is-Sur Anton Farrugia, usher waqt iż-żjara tal-Papa fil-Katidral*

Dak in-nhar tal-miġja tal-Papa fil-Katidral ta' Għawdex, is-Sibt 26 ta' Mejju, jien kif ukoll il-mara tiegħi konna nkarigati bħala *ushers* fil-Katidral. Għalija din il-ġrajja ma ninsiha qatt.

Il-ħin kien l-3.45p.m. meta l-Papa kien dieħel mill-bieb tal-Katidral. Dan wara li hu kien milqugħ b'ċapċip kbir u b'għajat ta' "Viva l-Papa" minn folla ta' nies fil-pjazza tal-Katidral. Kif il-Papa rifes fil-knisja, huwa waqaf għal ftit mumenti b'idejh miftuħa u rasu mgħollija 'l fuq jifli l-kapolavur tal-Gafà, li dak in-nhar kienet imżejna mill-aħjar għal din l-okkażjoni unika u straordinarja. Kellu raġun il-Papa, aktar tard f'dik il-lejla, isejjaħ lill-Katidral " ... *this magnificent Cathedral dedicated to the Assumptiuon of Our Lady in Heaven*".



*Il-Papa jindirizza lil dawk preżenti fil-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex*

Wara li l-Papa għamel żjara lil Ġesù fil-kappella tas-Sagrament, hu ġie akkumpanjat mill-ogħla awtorità tal-Knisja Għawdxija sa fuq it-tron imħejji għalih fuq il-presbiterju. L-Isqof Cauchi għamel id-diskors tal-merħba, u dritt wara l-Papa kellem lill-mistiedna kollha.

Il-Papa tkellem l-aktar fuq l-"evanġelizazzjoni", imma sab ħin ukoll biex jindirizza partikularment lid-diversi gruppi li kienu miġbura quddiemu. Il-gruppi kienu dawn: is-saċerdoti kollha t'Għawdex, il-Ministri Straordinajri tal-Ewkaristija, il-familjari tal-missjunarji Għawdxin li f'dak iż-żmien kienu qed iwettqu l-missjoni tagħhom barra, il-membri tal-Kunsilli Parrokkjali u d-diriġenti ta' l-Għaqdiet Apostoliċi f'Għawdex.

Ma setax jonqos li, kemm wara d-diskors tiegħu kif ukoll wara li ħareġ mill-Katidral biex ikompli l-pellegrinaġġ tiegħu, il-Papa ġie applawdit b'entużjażmu li bħalu ftit rajna ġewwa l-gżira tagħna.



26 ta' Mejju 1990

# Ġwanni Pawlu II fid-Djoċesi ta' Għawdex



*Dehra ġenerali tal-Pontifikal Solenni li mexxa l-Papa Ġwanni Pawlu II quddiem is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu*




*Il-Papa milqugħ b'entużjażmu mill-folla li nġabret quddiem is-Seminarju*

*Wara pranzu fis-Seminarju flimkien mas-Superjuri u s-Seminaristi, il-Papa għadda mumenti ta' talb fil-kappella ta' l-istess Seminarju*





*Il-Papa jsellem lil Għawdex għall-aħħar darba minn fuq il-katamaran qabel telaq lejn Malta*



*Waqt il-laqgħa ma' diversi kategoriji fil-Katidral tad-Djoċesi*

DALL WAHDA MAL-PAPA 1990

Riflessjonijiet minn A.C.M.

# Il-Papa jkellimna f'Għawdex...



Silta mid-diskors ta' Merħba lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II mill-Eċċ. Tiegħu Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex

*Santità,*

*Fi tmiem din il-ġimgħa int qiegħed iżżur pajjiżna bħala **Ħabbar tal-Paċi.** Int ġejt fostna f'isem il-Mulej, mlibbes bl-istess setgħa Tiegħu. Il-preżenza tiegħek fostna għandha ttajjar minn fuqna n-ngħas perikoluż billi tfakkarna li **l-pajjiż jista' jinqered jekk jitlef il-ħila tar-rikonċiljazzjoni u tar-rispett reċiproku.***

*Nixtiequ li l-preżenza tiegħek tgħinna biex*

- *nemmnu fil-qawwa tat-tajjeb*
- *u nwarrbu l-lingwaġġ tal-vjolenza u tat-theddid.*

*Mhux li kien li din il-preżenza tagħtina l-kuraġġ u l-ħila li naslu għall-ħbiberija fis-sens li jkollna l-għaqal u l-umiltà*

- *li naħfru u nitolbu maħfra.*

*Kemm nixtiequ li l-preżenza tiegħek tiftaħ qlubna biex jitqanqlu mill-Ħniena bla tarf t'Alla u l-Maħfra tiegħu.*

# IL-MADONNA
## PATRUNA TAL-FAMILJI



*F'dan is-Santwarju venerabbli tal-Madonna Ta' Pinu nroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu*
*għall-**preżenza***
*u **protezzjoni** mimlija mħabba ta' l-Omm Verġni tiegħu, li l-Knisja f'Malta u Għawdex ilha tesperjenza tul is-snin kollha tagħha.*

*Għal sekli sħaħ, il-fidili ta' dawn il-gżejjer qorbu lejn Marija fit-talb u talbu għall-interċessjoni mimlija mħabba tagħha*
***biex tgħinhom fi ħtiġijiethom***
***u ssabbarhom fin-niket tagħhom.***

*B'mod speċjali, Marija minn dejjem kienet il-Patruna tal-Familji Nsara ta' Malta u Għawdex.*

### Il-Familja fil-Pjan ta' Alla

*Billi l-familja hija l-Ewwel Ċellula vitali tas-Soċjetà, is-saħħa spiritwali tal-familji tagħha se tkun għal dejjem il-kejl fundamentali tas-saħħa tas-Soċjetà.*

*J'Alla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jonqsu milli jduru lejn Marija, l-Omm tas-Sagra Familja ta' Nażaret u l-Omm ta' l-Umanità kollha, bħala gwida żgura fost l-isfidi u l-provi tal-ħajja.*

### Nafdaw fl-Interċessjoni ta' Marija

*F'riġel is-salib, Marija tidher lilna bħala Omm il-Knisja. Hi tistedinna biex nafdaw fit-talb tagħha. Ma għandniex naħsbuha darbtejn qabel ma nduru lejha.*

*Kemm nies isibuha bi tqila biex jaħfru l-piki li ilhom snin..., jew biex jirbħu... r-rabja, mibegħda, għira jew riżentiment?*

*F'waqtiet bħal dawn, għandna nafdaw fl-interċessjoni ta' Marija ... li l-aktar sitwazzjoni bla tama tista' tinbidel bil-qawwa ta' Kristu.*



## Ninkoraġġikom biex titolbu lil Alla fil-familji tagħkom

Itolbuh kuljum biex jgħinkom ħa tibqgħu fidili lejn il-vokazzjoni li takom Alla fi Kristu.

Tibżgħux tressqu quddiemu
**t-tamiet**
**l-bżonnijiet, u**
**l-inkwiet kollu tagħkom.**

**Ġenituri,** itolbu għal uliedkom ħalli jkunu jistgħu jikbru fil-ħajja ġdida li rċevew fil-Magħmudija.

**Tfal,** itolbu għall-ġenituri tagħkom għaliex intom ukoll għandkom sehem x'tagħtu biex tqaddsuhom.

***U kemm jekk xogħlok huwa fid-dar, fl-għelieqi, jew fuq il-baħar, fil-fabbriki jew fl-industrija turistika,... offri x-xogħol lill-Mulej bħala sagrifiċċju li jogħġob bi tħejjija għall-miġja ta' saltnatu.***

## Il-Familja bażi tas-Soċjetà

Fl-imgħoddi l-ħajja tal-familja b'saħħitha ta' Malta pprovdiet bażi soda għall-istabilità u żvilupp armonjuż tas-Soċjetà.

Fiż-żmien tal-lum:
Jistgħu l-familji ta' Malta u Għawdex jibqgħu jilqgħu din l-isfida urġenti?

Is-Soċjetà mhix meħlusa minn xorta ta' **diżorjentament spiritwali** kkawżati minn bidliet soċjali mgħaġġla u minn sistemi ta' valuri u stil ta' ħajja li jmorru kontra l-valuri tal-Vanġelu li għaġnu l-identità tagħkom bħala poplu.

***...Nitlobkom biex titolbu miegħi li l-familji ta' Malta jkunu l-ħawt li fih is-soċjetà tagħkom tfondi l-impenn imġedded tagħkom għall-valuri tal-Vanġelu, li huma l-aktar wirt prezzjuż li ġej mill-imgħoddi.***

## J'Alla Marija tiggwidakom

Nafda lill-Familji tagħkom lill-ħarsien u t-talb Matern ta' Marija.

J'Alla Hi (Marija) **tiggwida** lill-ġenituri u wliedhom biex iwieġbu għall-vokazzjoni li huma rċevew bħala wlied Alla, mifdijin minn Kristu.

J'Alla **tiggwida** r-Rgħajja tal-Knisja fil-Katekeżi u l-ministeru tagħhom maż-żgħażagħ li waslu biex jiżżewġu.

**J'Alla tiggwida lil dawk kollha responsabbli b'xi mod għall-ġid pubbliku, biex huma jirrispettaw u jsaħħu l-ħajja tal-familja permezz ta' liġijiet għarfa u prudenti, iwarrbu, bħala ta' deni għall-ġid tas-soċjetà, kulma jinjora jew jiċħad il-Pjan t'Alla għall-familja u jnaqqas ir-rispett għar-rigal tal-ħajja umana.**



# X'QED TAGĦMEL IL-KNISJA ...

# ... għaż-żgħażagħ Għawdxin?

Waħda mill-prijoritajiet tal-Knisja f'Għawdex hi l-pastorali maż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ), li hi responsabbli minn din il-ħidma pastorali fuq livell djoċesan, twettaq programm ta' ħidma u inizjattivi pastorali biex, direttament jew permezz tal-parroċċi, twassal il-messaġġ tal-Vanġelu liż-żgħażagħ.

Il-ħidma tal-KDŻ hi prinċipalment mifruxa fuq tliet linji:

a) tniedi inizjattivi pastorali fuq livell djoċesan biex jikber aktar fost il-gruppi taż-żgħażagħ parrokkjali s-sens ta' djoċesi u ta' komunjoni ekkleżjali, sabiex iż-żgħażagħ u l-gruppi parrokkjali ma jingħalqux fihom infushom u jaħsbu li l-Knisja u l-ħtiġijiet tagħha jinsabu biss fit-territorju parrokkjali tagħhom; (sfortunatament il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'dawn l-inizjattivi djoċesani kull ma jmur qegħda dejjem tiddgħajjef, u qed nindunaw li aktar qed jattendu studenti milli żgħażagħ; minħabba f'hekk, il-KDŻ qed tipprova tiskopri mill-ġdid ir-rwol tagħha f'dan ir-rigward);

b) tgħin lill-gruppi taż-żgħażagħ fil-parroċċi – fejn dawn jeżistu! – biex jiffunzjonaw aħjar u biex iwettqu programm ta' ħidma pastorali għaż-żgħażagħ fil-parroċċa tagħhom; dan isir l-aktar b'kuntatti personali, b'inkoraġġiment u bi sforz li jitwaqqfu gruppi taż-żgħażagħ fejn għadhom ma jeżistux; (bħala għajnuna kateketika għal dawk il-persuni li jmexxu laqgħat għall-adolexxenti u żgħażagħ, il-KDŻ qegħda tibni librerija ta' kotba u sussidji kateketiċi fl-uffiċċju tagħha fil-Konservatorju ta' l-Isqof: s'issa ntefqu Lm489 f'kotba u posta, filwaqt li nġabru Lm598 f'donazzjonijiet mingħand saċerdoti, xi lajċi u żewġ banek; il-KDŻ irċeviet ukoll għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex taħt l-iskema ta' għajnuniet li l-Gvern jagħti lil organizzazzjonijiet non governattivi li ser tintuża għal dan il-għan u għall-*hostel* li l-KDŻ tmexxi);

ċ) tgħin fil-formazzjoni taż-żgħażagħ li jaħdmu jew jixtiequ jaħdmu maż-żgħażagħ fil-parroċċi u fiċ-Ċentri parrokkjali; dan qed isir permezz ta' *weekends* ta' formazzjoni tal-personalità tal-*youth ministers*, u dan l-aħħar permezz ta' *weekend* irtir biex ngħinu wkoll fil-bini tal-karattru spiritwali ta' dawn iż-żgħażagħ; (riżultat pożittiv ta' dawn il-*weekends* hu l-fatt li ż-żgħażagħ li pparteċipaw ħassew is-sejħa li jaħdmu jew li jaħdmu iżjed fost żgħażagħ bħalhom).



Biex jintlaħqu wħud minn dawn l-għanijiet li semmejna, matul ir-Randan ta' din is-sena tal-Ġublew il-KDŻ ħadet diversi inizjattivi pastorali ġodda. Diġà semmejna l-irtir fil-magħluq li sar bejn l-24 u s-26 ta' Marzu f'Dar Manresa. L-irtir tmexxa minn Patri Edgar Busuttil S.J. u attendew għalih 28 żagħżugħ/a. Kienet esperjenza ferm sabiħa, kemm mill-aspett ta' komunjoni bejn iż-żgħażagħ u fuq kollox mill-aspett spiritwali. Li tara żgħażagħ jgħaddu sigħat sħaħ jitolbu quddiem Ġesù Ewkaristija f'diversi mumenti tal-ġurnata, josservaw is-silenzju matul l-irtir, u fuq kollox ferħanin bil-preżenza tal-grazzja f'qalbhom hu ta' sodisfazzjon spiritwali kbir għal min jaħdem magħhom. Naħseb li jrid ikollna l-kuraġġ li ninvestu f'dan il-qasam u noffru liż-żgħażagħ tagħna esperjenzi ta' din il-kwalità.

Fid-19 ta' Marzu l-KDŻ ħadet ħsieb torganizza l-Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ f'Għawdex. Dan sar f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Sfortunatament ftit li xejn kellna parteċipazzjoni min-naħa tal-parroċċi u miċ-Ċentri. Għall-*bike hike* li għamilna filgħodu ħa sehem biss grupp ta' żgħażagħ miċ-Ċentru tan-Nadur, filwaqt li għall-*fun games* li saru fil-Kumpless Sportiv tas-Seminarju pparteċipaw biss iż-żgħażagħ miċ-Ċentri tan-Nadur u ta' l-Għarb, meta fis-snin ta' qabel kienu jipparteċipaw numru ferm akbar ta' Ċentri. Ferm aħjar kienet l-animazzjoni minn grupp żgħażagħ ta' quddiesa li tmexxiet minn Mons. Isqof f'Ta' Pinu. Dan in-nuqqas ta' parteċipazzjoni probabilment hu sintomu li f'diversi parroċċi u Ċentri għad m'għandniex strutturi marbuta mal-pastorali taż-żgħażagħ li qed jiffunzjonaw.

Esperjenza, però, għal kollox pożittiva marbuta ma' din iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum iż-Żgħażagħ kienet il-kampanja li mexxiet il-KDŻ matul ir-Randan, bl-għajnuna tal-kappillani u retturi tal-knejjes, biex aktar Għawdxin, speċjalment żgħażagħ, isiru donaturi ta' l-organi. Din il-kampanja ta' sensibilità qanqlet aktar minn mitt persuna, żgħar u kbar, biex jinkitbu bħala donaturi ta' l-organi. Frott din il-kampanja kellna l-għoti ta' l-organi ta' Noel Frendo u Ivan Refalo mix-Xagħra, li ftit jiem biss qabel mewthom kienu wrew ix-xewqa mal-familjari tagħhom li jinkitbu bħala donaturi ta' l-organi.

Biex nirrispondu għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni miż-żgħażagħ f'inizjattivi djoċesani, ħsibna li jkun aħjar jekk immorru aħna stess inżuru liż-żgħażagħ waqt il-laqgħat tagħhom fil-parroċċi. Għażilna l-eżerċizzi tar-Randan għaż-żgħażagħ peress li l-eżerċizzi huma okkażjoni unika fejn il-Knisja f'Għawdex tista' tilħaq numru kbir ta' żgħażagħ miġbura flimkien bl-iskop li jisimgħu l-Kelma t'Alla. Din l-inizjattiva kienet marbuta ma' salib ta' l-injam li mexa minn parroċċa għall-oħra jistieden liż-żgħażagħ jifthu qalbhom għal Kristu u jieħdu mpenn personali ta' ċaħda għar-Randan. Kienet inizjattiva li laqqgħetna ma' madwar 750 żagħżugħ u tfajla, minn 15-il sena 'l fuq. Kienet fuq kollox esperjenza li wrietna kemm tajjeb u sabiħ hemm fiż-żgħażagħ tagħna, kemm huma kapaċi jisimgħu l-Kelma t'Alla u kemm jafu jitolbu bil-ġabra jekk jingħatawlhom okkażjonijiet ta' dan it-tip.

Hu minnu li ma jistgħux isiru l-eżerċizzi tar-Randan is-sena kollha, imma tkun intuwizzjoni pastorali tajba jekk fil-pastorali maż-żgħażagħ il-parroċċi jisfruttaw f'sens pastorali dik il-ġimgħa ta' eżerċizzi biex joffru liż-żgħażagħ, partikolarment lill-għarajjes u liż-żgħażagħ adulti, proposti ta' formazzjoni nisranija li jirrispondu għall-ħtiġijiet tagħhom. B'dan il-mod l-eżerċizzi ma jkunux okkażjoni ta' darba fis-sena imma jistgħu jsiru l-bidu, il-fus u l-qofol ta' programmi pastorali għaż-żgħażagħ.



Ma' dawn l-inizjattivi nixtieq insemmi wkoll tliet inizjattivi oħra li għamlet jew qed tagħmel il-KDŻ favur iż-żgħażagħ. Ta' kull sena, matul iż-żmien tar-Randan, il-KDŻ tniedi kampanja ta' *fund raising* favur istituzzjonijiet tal-karità jew tal-volontarjat f'Għawdex bl-għajnuna ta' l-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji tagħna. L-inizjattiva ta' dan ir-Randan kienet biex jinġabru fondi b'risq il-*Gozo Association for the Deaf*. F'kollaborazzjoni maċ-Ċentru għall-Istudji Avanzati Sir Mikiel Anġ Refalo, il-KDŻ mexxiet kwestjonarju lill-istudenti ta' din l-iskola – hemm ftit aktar minn 600 – biex jgħinna nifhmu aħjar il-ħtiġijiet ta' din il-faxxa ta' età taż-żgħażagħ tagħna. Bħalissa qed niġbru l-materjal li ħareġ minn dan il-kwestjonarju fuq il-*computer*. Il-KDŻ qed tipprepara wkoll li takkumpanja grupp ta' żgħażagħ Għawdxin għall-Ġublew taż-Żgħażagħ li ser isir f'Ruma f'Awissu li ġej.

Inħoss li minn qalbi rrid nirringrazzja lil dawk is-saċerdoti u żgħażagħ li jagħtu ħafna minn ħinhom f'ħidma pastorali b'risq iż-żgħażagħ, speċjalment lil dawk li huma membri tal-KDŻ. Id-dedikazzjoni u l-inkuraġġiment reċiproku huma żewġ elementi importanti biex kull tip ta' pastorali tħalli l-frott.

*Dun Giovanni Curmi*

TAL-ĦWAWAR

# Issa Tista' Tħawwar il-Borma bħal Dari

**Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-Ikel**

***14 - 15 Kerċem Road, Victoria, Gozo. Tel. 562160.***

*Apprezzament*

# MONS. CARMELO SACCO
1913-2000



Wara ħidma saċerdotali ta' disgħa u ħamsin sena, il-Mulej għoġbu jsejjaħ lil Mons. Carmelo Sacco sabiex jagħtih il-ħlas tax-xogħol tiegħu. Mons. Sacco twieled fil-Belt Victoria nhar it-22 ta' Marzu 1913 minn M'Anġelo u Tereża Vella. Ta' tfajjel żgħir wieġeb għas-sejħa tal-Mulej u wara li spiċċa l-istudju tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' Ġunju, 1941, mill-Isqof Mikiel Gonzi fil-Kappella tas-Seminarju. Mill-bidunett beda jaqdi d-doveri bħala viċi-parroku fir-Rabat. Dak iż-żmien dan kien iebes u ta' sagrifiċċju għaliex l-assistenza mal-moribondi kienet għal ħafna sigħat bil-lejl u bi nhar. Wara snin gie magħżul bħala kappillan fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Huwa serva wkoll fl-isptar mentali u fil-Lazzaret fejn dak iż-żmien il-kuntatti mal-morda kienu perikolużi. Fis-sena 1976, meta l-Parroċċa ta' San Ġorġ ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata, Dun Karm ġie maħtur Kantur bit-titlu ta' Monsinjur. Huwa baqa' jaqdi d-doveri tiegħu b'dedikazzjoni sa l-aħħar u ta kontribut kbir lill-Parroċċa li tagħha kien iben den. Mons. Sacco miet fid-Dar tal-Kleru, Malta nhar il-Ġimgħa 7 t'April 2000. il-funeral tiegħu sar nhar il-Ħadd 9 t'April fil-Bażilika ta' San Ġorġ u d-difna saret fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, fil-qabar tal-familja.

Mons. Carmelo Sacco jibqa' mfakkar bħala saċerdot serju li dejjem għamel unur lil libsa li kien ixidd.

**Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem**

*Gianninu Cremona*



The Leading Wines, Spirits & Tobacco Merchants in Gozo.

14 St George's Square, Victoria.
Tel: 556531

• FREE DELIVERIES •

*Prop. J.C. Mejlak Zammit*

# J.V.J.

*General Merchants / Importers of Sweets*
*Master Squashes - Master Spirits*
*Distributors of Delco Batteries & Car Accessories*
Car & Motor Bike Dealer - Rent-a-Car
*Gozo Sole Agent for Aprilia, Gillera, Piaggio Motor Bikes and Pirelli Drago Tyres*

Xagħra - Gozo. Tel: 555819, 564640 Fax: 563950 Mob:09496680




**The NEW FIAT PUNTO**
- best safety car in Europe for the year 2000.
- 3-door or 5-door.
- diesel or petrol.

DYNAMIC!

**EUCHARIST MERCIECA**
**Auto Ltd.**
**INSURANCE SERVICES**
Mgarr Road, Victoria VCT 11, Gozo.
Tel: 559977
552593
Tel/Fax: 557716
Mobile: 099 6025

# Kif jaħsbuha l-Qarrejja dwar ir-Rivista Il-Ħajja f'Għawdex

"Il-Ħajja f'Għawdex hija r-rivista li nistenniha kull xahar. Hija mezz biex nibqgħu aġġornati b'dak kollu li jiġri fl-għażiża art twelidna, Għawdex tagħna. Hija mezz tajjeb biex inħossuna magħquda mad-Djoċesi u infurmati b'dak kollu li din torganizza ... Il-mod kif biddiltu "Il-Ħajja f'Għawdex" mas-sena 2000, prosit tassew għax saret aktar interesanti u verament attraenti. Tieħu gost taqraha. Għandha kollox biex wieħed jiġi infurmat b'kollox."

***Fr. John Mary Cauchi (Paraiba, Brażil)***

"Qed noffri donazzjoni għall-ispejjes tar-rivista, filwaqt li ngħidilkom prosit tassew, għax fil-'Ħajja f'Għawdex' qed insibu ħafna tagħlim sabiħ."

***Ġuża Xerri (Qala)***

"Prosit tassew għall-kontenut u għall-preżentazzjoni. *Keep it up*!"

***Dun Karm Borg (Kerċem)***

*"Many thanks for the latest edition of* Il-Ħajja f'Għawdex. *Congratulations on the improvements that rendered our magazine just wonderful ..."*

***Fr. Joe Cefai (Port Talbot, Wales)***

"Irċevejt bi pjaċir u nirringrazzjak ħafna għall-ħarġa ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" (Jannar 2000), sabiħa ferm, bi preżentazzjoni grafika ġdida u aktar moderna. Prosit kbir lill-iStaff kollu u nittamaw li tkomplu żżommuha f'dan il-livell għoli, u fl-istess ħin jalla l-Mulej iqajjem iżjed qlub ġenerużi biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kbar li ċertament dħaltu għalihom ... Min-naħa tiegħi rrid sinċerament nifirħilkom u nirringrazzjakom għal dan ir-"rigal" sabiħ li kull xahar tibagħtuli *gratis et amore Dei...*"

***Don Josè Galea (Brasilia, Brażil)***

"Prosit ħafna tar-rivista. Veru nsibha nteressanti. Grazzi tax-xogħol li qed tagħmlu fuqha biex tkompli tikber u tisbieħ, u talli tibgħatuhieli mal-bidu tax-xahar."

***Dumink Sultana (Xagħra)***



# IR-REBBIEĦA TA' L-GĦAXAR RIGALI SPEĊJALI MTELLGĦA BIX-XORTI FOST L-ABBONATI KOLLHA TAR-RIVISTA "IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX" TAS-SENA 2000

L-għaxar rigali li konna wegħedna lill-abbonati tar-rivista tagħna għal din is-sena ġew imtellgħa bix-xorti skond in-numru li kull abbonat/a għandu/ha fir-reġistru tagħna. Ir-rebbieħa huma dawn:

**1. L-Ewwel Rigal:** ***Ariston Washing Machine*** **(Lm219)**
**Abbonat Nru 911**: Fr. Stanley Tomlin MSSP
Dar Stella Maris, Triq Mons. Ġ. De Piro, Żebbuġ GRB 103.

**2. It-Tieni Rigal:** ***Artel Dehumidifier*** **(Lm165)**
**Abbonata Nru 746**: Bernarda Theuma
138, Triq it-28 t'April Xagħra XRA 103.

**3. It-Tielet Rigal:** ***Goldstar Microwave Oven*** **(Lm120)**
**Abbonata Nru 303**: Grazzia Xuereb
55, Triq San Ġakbu, Nadur NDR 103.

**4. Ir-Raba' Rigal:** ***Black & Decker Steam Iron*** **(Lm17)**
**Abbonata Nru 331**: Ġużeppa Camilleri
39, Triq Xandriku, Nadur NDR 104.

**5. Il-Ħames Rigal:** ***Black & Decker Hand Mixer*** **(Lm17)**
**Abbonata Nru 816**: Ġużeppa Xerri
73, Triq l-Imġarr, Xewkija VCT 111.

**6. Is-Sitt Rigal:** ***Black & Decker Toaster*** **(Lm17)**
**Abbonat Nru 864**: Claudio Vella
Plot 74, Vjal il-Labour, Xewkija VCT 110.

**7. Is-Seba' Rigal:** ***Black & Decker Crush Juicer*** **(Lm12)**
**Abbonat Nru 846**: Joseph Bonnici
128, Triq San Bert, Xewkija VCT 110.

**8. It-Tmien Rigal:** ***Million Host Heater*** **(Lm10)**
**Abbonata Nru 281**: Maria Portelli
65, Triq it-Tiġrija, Nadur NDR 104.

**9. Id-Disa' Rigal:** ***Major Cordless Kettle*** **(Lm9)**
**Abbonata Nru 476**: Rita Spiteri
"Welcome", Triq Saguna, Sannat VCT 112.

**10. L-Għaxar Rigal:** ***Major Sandwich Toaster*** **(Lm8)**
**Abbonat Nru 89**: Maurice Cauchi
"Lizmaur", Triq Franġisk Portelli, Għarb GRB 102.

Dawn l-għaxar rebbieħa għandhom jiġu personalment u jippreżentaw il-karta ta' l-identità tagħhom biex jiġbru r-rigali li rebħu mil-*Lumen Christi Media Centre*, Triq Fortunato Mizzi, Victoria.

*Dun Anton Sultana, Amministratur*

## Dun Ġorġ Preca - 5

# DUN ĠORĠ U L-UMILTÀ



Dun Ġorġ kien bniedem, qassis u fundatur umli li la qatt ftaħar bih innifsu u lanqas bl-opri li kien qiegħed jagħmel.

Tant kien umli li lanqas ried li li jissejjaħ Fundatur tas-Soċjetà tal-Museum. Infatti, darba qal: "Jiena m'iniex il-fundatur ta' din is-Soċjetà. Il-Fundatur tagħha San Pawl Appostlu, kif hu stess kiteb lill-Isqof Timotju: "il-ħwejjeġ kollha li smajt minn bosta xhieda, għallimhom lil nies fidili li jkunu kapaċi jgħallmuhom lill-oħrajn. Istitutur nista' ngħid li jien, iżda Fundatur le. Għandkom tipperswadu ruħkom li l-Fundatur hu San Pawl Appostlu. Hawn hu l-fundament."

Dun Ġorġ, meta ra s-Soċjetà Mużewmina miexja 'il quddiem, aktar ħass li għandu jumilja ruħu. Infatti, fil-festi ġubilari tas-Soċjetà lanqas ried jieħu sehem fil-quddiesa Pontifikali għax ra li għalih jista' jkun fiha sens ta' vanaglorja. Meta spjegawlu li jekk ma jmurx seta' jinftiehem ħażin, allura huwa warrab fehemtu u mar San Ġwann, imma fittex kemm seta' li jinħeba.

Huwa kellu drawwa li jinżel u jbus is-saqajn ta' xi wħud. Dan kien tassew att kbir ta' umiltà, hekk li saħansitra bosta kienu jgħidu li moħħu ħfief. Iżda Dun Ġorġ qatt ma ta każ x'tgħid id-dinja. Moħħu kien li jimita lil Sidna Ġesù Kristu. Iżda meta s-Superjuri tiegħu kienu jgħidulu biex ma jagħmilx dan, huwa kien dejjem jobdi. U hawnhekk naraw il-vera umiltà tiegħu li ma kienx iwebbes rasu.

L-umiltà f'Dun Ġorġ kienet waħda matura. Jiġifieri jekk xi ħadd kien jikkoreġih biex ma jkomplix jagħmel xi drawwa, kien jobdi. Darba, saċerdot żagħżugħ, meta ra lil Dun Ġorġ jitlob b'idejh miftuħa, qallu: "Dun Ġorġ, idejk għandek tiftaħhom hekk!" Dun Ġorġ, flok issupervja, qallu: "Mela għallimni ibni, għax jiena ma naf xejn."

Huwa qatt ma niżżel ismu fil-ħafna kotba li kiteb. Infatti, il-kotba li kien jikteb kien ikun fihom "Verbum Dei Caro Factum Est". Meta xi ħadd kien ifaħħarlu l-opri tiegħu, dlonk kien iwieġeb li "l-kotba huma meħuda minn kotba oħrajn".

Dun Ġorġ Preca għallem l-umiltà u s-satra evanġelika. Huwa kien konvint li jekk dak li qiegħed jagħmel huwa opra t'Alla, se jkompli. Jekk le, jieqaf. Għalhekk qatt ma fittex il-popolarità, iżda l-poplu ġera warajh biex jisma' l-kelma u l-pariri tiegħu.

Kien iħobb jgħid: "Il bene non fa chiasso e il chiasso non fa bene." ( Il-ġid ma jagħmilx ħsejjes, u l-ħsejjes ma jagħmlux ġid.)

Dun Ġorġ wasal fejn bosta persuni aktar għorrief minnu ma waslux. U nistgħu ngħidu li wieħed mis-sigrieti tiegħu kien l-umiltà.

**Angelo Xuereb**




REFALO
BAMBOO
CURTAINS

*Contact:*
**Mr. Carmel Refalo**
"Victory, "55, 28th April 1688 Street,
Xagħra. Gozo. Tel. 557088.




# JUM IL-MAĦFRA

Nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu, l-ewwel Ħadd tar-Randan, Ġwanni Pawlu II mexxa ċ-ċelebrazzjoni ta' "Jum il-Maħfra" fil-Bażilika ta' San Pietru. Hu talab maħfra għad-dnubiet, fl-imgħoddi u preżenti, ta' ulied il-Knisja. Bla dubju, kien wieħed mill-waqtiet l-aktar sinifikanti tal-Ġublew.

Ftit jiem qabel, fis-7 ta' Marzu, ġie ppubblikat dokument "Memorja u Rikonċiljazzjoni: il-Knisja u l-ħtijiet ta' l-imgħoddi". It-test ġie mħejji mill-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali mmexxija mill-Kardinal Ratzinger. Id-dokument ifisser ir-riferimenti għall-Bibbja u l-fundamenti teoloġiċi tas-suġġett, isemmi kif għandha ssir valutazzjoni storika u dixxerniment etiku tal-ħtijiet ta' l-insara ta' l-imgħoddi. Jindika wkoll il-prospettvi pastorali u missjunarjii tat-talba għall-maħfra u għat-tisfija tal-memorja, sabiex naslu għar-rikonċiljazzjoni.

Idea ċentrali fid-dokument hija s-"solidarjetà" li torbot, fit-tajjeb u fil-ħażin, l-insara ta' kull żmien. Hija idea mibnija fuq il-Knisja bħala "Ġisem Mistiku ta' Kristu". Minħabba f'hekk, l-insara tal-lum jistgħu jitolbu maħfra għall-ħtijiet ta' l-insara tal-bieraħ. Fost dawn, id-dokument isemmi: il-firda bejn il-Knejjes; it-tħaddim ta' "metodi ta' intolleranza u anke vjolenza għall-qadi tal-verità" (l-Inkiżizzjoni); li wieħed jibqa' lura milli jiddenunċja l-inġustizzji u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem; l-atteġjament lejn il-Lhud.

### Iżda Attenzjoni!

F'intervista lil "Famiglia Cristiana" (12.3.2000), l-Isqof R. Fisichella qal: "Ma nistgħux nitkellmu mill-ħtijiet ta' l-insara u ma nsemmux il-qdusija tal-Knisja, anke jekk din rarament tissemma' fl-aħbarijiet. Hu diskors li jgħodd għall-passat bħalma jgħodd għal lum. Anke llum, jekk nitkellmu minn responsabiltà jew inkoerenzi ta' l-insara, hemm bżonn indaħħlu dan id-diskors fl-istorja ta' qdusija li tasal sa żmienna. Mela ejjew



nistqarru x-xhieda ħażina tagħna, jekk seħħet, iżda ma nittraskurawx l-eżempji ta' qdusija. Diġà nsejna lil Madre Teresa jew xhieda oħra li bħalha jqanqluna biex ngħixu b'koerenza l-fidi nisranija?"

texprint

Silk Screen Printing on T-Shirts, Sweat Shirts, Sport and Fashion Wear, Napkins, Scarves, Caps and Banners

Joseph Vella

"Ebony", 73, Triq l-Universitas,
Victoria - Gozo
Tel: 560464

## IS-SISIEN TAT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

# 3. Jeddijiet u Dmirijiet

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex



**– It-Tieni Parti –**

## *Id-dmirijiet*

Id-dmir huwa rabta morali li wieħed jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa. Kif għidna, bħala regola ġenerali kull dritt għandu xi dmir li jikkorrispondi għalih; jiġifieri, malli bniedem ikollu dritt għal xi ħaġa, f'ħaddieħor jinħoloq id-dmir li jagħtih dik il-ħaġa jew li jħarishielu.

Id-dmirijiet naturali joħorġu min-natura intrinsika tal-bniedem skond il-pjan tal-ħolqien, jiġifieri ma jiddependux mid-deċiżjoni jew mil-liġi li għamilha xi ħadd; mhux bħad-dmirijiet pożittivi, li jiddependu mir-rieda t'Alla (liġi pożittiva divina) jew mir-rieda tal-bnedmin (liġi pożittiva umana). Meta jobbligaw x'għandu jsir, jirrigwardaw dak li fih innifsu u essenzjalment huwa tajjeb, u f'dak li jipprojbixxu, hemm dak li huwa essenzjalment u fih innifsu ħażin. Għalhekk, peress li n-natura tal-bniedem ma tistax tinbidel, l-anqas dawn id-dmirijiet naturali ma jistgħu jinbidlu.

Dawn id-dmirijiet naturali huma wkoll universali, jiġifieri jgħoddu għal kulħadd. Ir-raġuni hija li n-natura umana, li hija l-fundament tagħhom, hija universali għax tinsab f'kull bniedem. Dawn id-dmirijiet naturali għandhom ukoll l-evidenza, jiġifieri huma ċari biżżejjed biex wieħed jista' jagħrafhom. Iżda din l-evidenza mhix dejjem ta' l-istess grad għal kull għamla ta' dmirijiet, u għalhekk dawn nistgħu nqassmuhom fi tliet kategoriji: (i) Dawk id-dmirijiet li huma fl-istess ħin prinċipji universalissimi, bħal ma huwa "dak li ma tridx lilek, tagħmlux lil ħaddieħor", għandhom evidenza immedjata, għaliex malli wieħed jifhem it-termini jew il-kliem, iħoss li għandu jakkonsenti mill-ewwel, bħal meta ngħidu l-prinċipju: "It-total huwa ikbar minn kull parti tiegħu meħuda weħidha." (ii) F'din il-kategorija jinsabu l konklużjonijiet li joħorġu b'raġunament mill-prinċipji msemmija. (iii) Fit-tielet kategorija hemm il-konklużjonijiet li jeħtiegu argumenti diffiċli biex jiġu derivati mill-prinċipji.

Id-dmirijiet ta' l-ewwel u t-tieni kategorija huma evidenti minnhom infushom (*per se nota*), għax ma jistgħux ma jkunux magħrufa minn min għandu l-użu tar-raġuni. Għal dawn is-soltu ngħidu li huma liġijiet, jeddijiet u dmirijiet miktubin fil-qalb tal-bniedem.

Id-dmirijiet jistgħu jiġu kklassifikati f'iktar minn mod wieħed. Minħabba t-titolu jew fundament tiegħu, id-dmir jista' jkun naturali jew pożittiv, innat jew avventizju, l-istess bħalma għidna dwar il-jedd. Minħabba t-terminu, jew il-persuna li lejha jkun id-dmir, hemm

tliet kwalitajiet ta' dmirijiet: lejn Alla, lejn il-proxxmu tagħna, u lejna nfusna. Barra minn hekk, id-dmir jista' jkun dmir ġuridiku, jiġifieri meta l-ħaġa tkun dovuta lil ħaddieħor b'ġustizzja; u jista' jkun ukoll dmir etiku biss, meta ma jobbligax bil-qawwa tal-ġustizzja kommutattiva, iżda jaqa' taħt xi virtù oħra, bħal ma hija l-karità jew il-fedeltà. Hekk id-dmirijiet li għandna lejna nfusna ma humiex dmirijiet ġuridiċi, iżda sempliċement etiċi.



## Il-Kunflitti u l-Ordni Ġuridiku

Sikwit jissemmew il-kunflitti jew kolliżjonijijiet bejn jedd u ieħor; iżda aktarx li dan il-kunflitt ikun biss apparenti, għaliex xi wieħed mill-jeddijiet konfliġġenti ma jkunx jedd veru iżda biss preżunt. Hekk, per eżempju, meta żewġ persuni għandhom id-dritt li jidħlu fl-istess għalqa, ngħidu li għandhom drittijiet konflinġġenti, iżda wieħed għandu l-jedd biss li jgħaddi minn fuqha biex jidħol fil-propjetà tiegħu. L-ieħor għandu d-dritt li jaħdem dik il-għalqa u jieħu l-frott tagħha. Għalhekk irridu nqisu sewwa mhux biss il-jedd, iżda wkoll il-kundizzjonijiet konnessi miegħu u li jillimitawh. Il-kolliżjoni bejn il-jeddijiet tiġi solvuta jew bi ftehim bonarju bejn il-partijiet jew b'deċiżjoni ta' qorti jew ta' xi tribunal jew forma ta' arbitraġġ.

Hekk ukoll, ġieli nisimgħu b'kunflitt tad-dmirijiet. Issa, jekk dawn id-dmirijiet huma derivati mil-liġi ta' Alla, mhux il-kas li nammettu l-eżistenza ta' kunflitt veru, għaliex Alla mhux ser jieħu żball u jagħmel liġijiet li jmorru kontra xulxin.

Iżda, ġeneralment, meta jidher li hemm kunflitt ta' jeddijiet jew ta' dmirijiet, għandu jirbaħ il-jedd jew id-dmir li huwa moralment l-iktar qawwi. Hemm, imbagħad, ċerti kriterji li jindikaw liema huwa l-jedd jew id-dmir li għandu jipprevali. Jekk dritt jew dmir ġej mil-liġi ta' Alla, huwa moralment aqwa minn dak li ġej minn liġi umana. Jekk għandu titolu ċert u żgur, jiġi qabel dak li għandu biss titolu dubjuż. Fi kliem ieħor, id-drittijiet u d-dmirijiet ma għandhomx kollha l-istess valur, iżda hemm ġerarkija fosthom, u għandhom jiġu l-ewwel u qabel l-oħrajn dawk li ġew mogħtija lill-bniedem biex iħarsu d-dinjità tal-persuna umana tiegħu.

Fl-aħħarnett, ta' min ifakkar li l-ordni ġuridiku huwa l-kumpless jew il-ġabra ta' jeddijiet, ta' dmirijiet u ta' liġijiet, li bih ikun hemm tqassim kif imiss u relazzjonijiet tajba fost il-membri tas-soċjetà, kif ukoll bejn kull wieħed minnhom u s-soċjetà li minnha jagħmlu parti, u fl-istess ħin tinkiseb protezzjoni xierqa tal-persuni. Kemm iċ-ċittadini u kemm l-awtorità pubblika għandhom jagħmlu ħilithom biex dan l-ordni ġuridiku jkun magħruf u osservat.






Anton F. Attard

# XOGĦOL U SNAJJA' TRADIZZJONALI F'GĦAWDEX

Ix-xogħol u s-snajja' tradizzjonali f'Għawdex kienu jduru madwar it-tliet industriji ewlenin tal-Gżira li huma:
i) il-biedja, ii) is-sajd, iii) u l-bini.
Ix-xogħol tradizzjonali tal-bidwi jerġa' jinqasam f'żewġ friegħi:
a) ix-xogħol fir-raba', b) it-trobbija tal-bhejjem.
Fl-antik ix-xogħol tal-biedja kien isir mill-familja kollha għaliex il-bidwi kien irid jaħdem għall-ikel tiegħu stess biex ikollu biżżejjed għall-familja u għall-bhejjem matul is-sena kollha u fejn kien possibbli jagħmel wiċċ biex ibigħu ħalli bil-flus ikun jista' jixtri dak li jkollu bżonn u jħallas il-qbiela f'Santa Marija. Meta tiġi annata ħażina, il-bdiewa ġie li batew il-ġuħ. F'annata tajba jbigħ iż-żejjed. Il-qawl Għawdxi jgħid: Skond l-annata timtela l-qannata. Il-pitkala ta' dari kien ikollhom qannata għal kull bidwi u fiha kienu jitfgħu l-flus li jdaħħlu meta jbigħu l-prodott.
Ix-xogħol fir-raba' kien jikkonsisti f'dan li ġej:
1. Il-ksir u l-għażiq inkella l-ħart tar-raba', flimkien mat-tifrix tad-demel, bħala tħejjija għaż-żrigħ ta' l-uċuħ. Dan ix-xogħol kien isir skond liema wċuħ ikunu se jinżergħu, skond f'liema raba' kien se jsir iż-żrigħ u skond l-istaġun.
2. iż-żrigħ u t-taħwil ta' l-uċuħ. 3. il-kultivazzjoni ta' l-uċuħ sa ma jilħqu għall-ħsad. 4. il-ħsad jew ġbir ta' l-uċuħ. 5. il-ħażna u/jew bejgħ tal-prodotti miġbura. 6. l-ikkunsmar tal-prodotti. 7. il-ġbir u l-ipproċessar ta' ċerti prodotti tal-biedja u oħrajn: tin imqadded, kappar, żebbuġ għas-salmura, basal għall-pickles, żejt taż-żagħruna, bebbux, xebb il-ġmiel mill-blat, ħatab għall-forn, kabs għall-kċina, xebb għal-lissija u oħrajn. Il-kabs hu l-ħatab li l-mara tad-dar kienet issajjar bih dari. Il-lissija hija l-irmied tas-síajra tax-xebb li kienu jaħslu bih fuq il-maħsel.
It-trobbija tal-bhejjem kienet tfisser il-ħidma li se nsemmi:
1. il-kura kontinwa ta' l-annimali kontra xi mard jew attakki minn annimali oħra. 2. il-għalf u seqi tal-bhejjem fil-ħinijiet skond il-ħtieġa. 3. il-mergħa ta' l-annimali fir-raba', fil-moxa, fix-xagħri u fil-widien, l-aktar minn dawk li kienu fqar. 4. it-tagħmir ta' l-annimali meta jasal iż-żmien. 5. it-trobbija jew bejgħ tal-frieħ meta jasal il-waqt. 6. il-ħlib ta' l-annimali li jagħtu l-ħalib. 7. l-ipproċessar tal-ħalib fi ġbejniet għad-dar u għall-bejgħ. Din kienet industrija fiha nfisha: il-maħleb, il-brajma, it-tames, il-qtar, il-baqta, il-qwieleb, il-ġbejniet, il-qanniċ, it-tieqa tal-ġbejniet, il-kamra tal-ġbejniet, il-barmil tal-ġbejniet: ġbejniet tal-qaleb, ġbejniet friski, ġbejniet moxxi, ġbejniet maħsula, u ġbejniet tal-bżar. 8. il-bejgħ tal-ħalib għall-ikkunsmar jew lill-kumpratur biex jinħadem f'ġobon tan-nar, irkotta u prodotti oħra tal-ħalib. 9. il-bejgħ ta' prodotti oħra ta' l-annimali: bajd, għasel, twames u xorrox għall-qtar, bċieċen tal-ħamiem, suf tan-ngħaġ, qrajjaq, bajd ingallat, flieles, sriedek, tiġieġ, ħusjien, rix tat-tiġieġ għall-imtieraħ u għall-imħaded, ħrief u gidjien, u xogħol ieħor. 10. tagħmir ta' bhejjem: il-għoġol, il-barri, il-wott jew bodbod, il-kibx jew muntun, il-faħal, il-fenek.
Is-sajd jinvolvi inqas nies mill-biedja. Imma fl-antik kienu jaħdmu fih it-tfal subjien kollha tal-familja tas-sajjied li biż-żmien kienu jieħdu s-sengħa ta' missierhom sa ma jgħadduha lil uliedhom.
Ix-xogħol tas-sajjied kien ifisser li
1. joħroġ għas-sajd tal-ħut skond l-istaġun: l-istaġun tal-lampuki, tat-tkarkir, tal-lampara; il-parit, il-għażel, il-kulpara, il-qasba. 2. ibigħ il-ħut li jkun qabad jew

direttament lill-pubbliku, inkella lill-bejjiegħa tal-ħut. L-offerti jsiru fil-widejn.
Is-sajjied jixtri d-diversi tipi ta' xbiek u rkaptu, imma meta dan tiġrilu l-ħsara jsewwih hu stess. Xbieki u nases ta' kull tip: għall-vopi, għall-arżnell, għall-pistin, gringijiet u mrejjen, ħut mis-sikek.
Marbuta max-xogħol tas-sajd hemm is-sengħa antika tal-manifattura ta' kull xorta ta' qxur u opri tal-baħar li ssir f'Għawdex min nies speċjalizzati f'dan ix-xogħol. Għalhekk f'Għawdex kienu jsiru, u għadhom, dgħajjes, firilli, kajjikki, luzzijiet, laneċ u opri oħra tal-baħar, ir-Rabat u Għajnsielem - l-Imġarr.
Ix-xogħol tal-bini tad-djar u kostruzzjoni kien l-inqas popolari minħabba li dan huwa xogħol speċjalizzat u d-domanda qatt ma tkun waħda kostanti u għalhekk jistgħu jiġu żminijiet meta x-xogħol jiżdied u oħrajn meta x-xogħol jonqos.
Hemm żewġ tipi ta' mgħallmin tal-bini:
i) dawk tal-ħitan tas-sejjiegħ, ii) dawk ta' l-irziezet u tad-djar.
Ix-xogħol tal-bini jġib miegħu snajja' oħra bħalma huma:
a) il-qtugħ u l-ġarr tal-ġebel mill-barriera u tal-ġir mill-kalkara. b) il-xogħol tal-bjut. c) ix-xogħol tal-bajjad. d) ix-xogħol tal-mastrudaxxi u tal-ħaddieda.
Ix-xogħol tal-bjut kien iġib miegħu xogħol għan-nisa wkoll li kienu jaħdmu ta' ballata bil-marżebba. Ħafna nisa kienu jaqilgħu l-flus billi jaħdmu ma' l-imgħallem tal-bjut.
Ix-xogħol tal-bjut kien iġib miegħu x-xogħol tal-ġbir tax-xaqquf mir-raba' għad-deffun min-nisa u mit-tfal. It-tfal kienu jiġbru x-xaqquf biex meta jbigħuh ikollhom xi ħaġa tal-flus għall-festa tar-raħal.
Ix-xaqquf kien jintaħan mir-raġel tad-deffuna li kienet ħaġra kbira tas-samm li biha kien ifarrak u jitħan ix-xaqquf fuq blata apposta, tas-samm ukoll.
Illum ix-xogħol tal-bini jġib miegħu xogħol tal-konkos, ħadid, inġenji tqal bħal maċini jew krejnijiet u armar għax-xogħol.
Is-snajja' kollha msemmija hawn fuq (biedja, sajd u bini) biex ikunu jistgħu jitħaddmu sewwa kienu jeħtieġu l-għodod u ħwejjeġ oħra bżonnjużi għas-sengħa.
Hekk, mela:
a) il-ħaddied jagħmel il-għodod kollha tal-ħadid skond is-sengħa, imgħażaq, gorxini, mnieġel, ilxiexen, bqaqen, palijiet, mannaretti, imtieraq, kzazel, serraturi u mfietaħ, nagħal għall-bhejjem tal-ġarr u bżonnijiet oħra. b) il-ħaddiem tal-qasab jagħmel kull xorta ta' reċipjenti tal-qasab bħal qfief, bxiekel, mezez, qratal, kannestri, prieter jew purtieri, qnienec u frieket għall-bidwi u għall-bennej, u nases tal-ħut għas-sajjied. Il-ħaddiem tan-nases tal-ħut kien wieħed speċjalizzat. c) tal-qwieleb jagħmel il-qwieleb tas-simar għall-



ġbejniet. d) il-mastrudaxxa jagħmel kull xorta ta' aperturi (fl-antik fil-biċċa l-kbira bla ħġieġ), għamara, u għodod, per eżempju, newl għan-nissieġa. e) is-sellar jagħmel il-pennelli, meta l-ġarr kien fuq id-dahar, u x-xedd tal-bhejjem meta daħlu l-karrettuni.



f) tal-ħbula (f'Malta u wara f'Għawdex) jagħmel kull xorta ta' ħbula, swiegel, rumnelli, u skampli, għall-ħtiġijiet ta' kull sengħa g) il-familja li jaħdmu r-rattam jew xogħol tal-kpiepel jagħmlu kull xorta ta' kpiepel għall-bdiewa, sajjieda u bennejja, billi dari dawn kienu jdumu iżjed fix-xemx, u ġwielaq u reċipjenti oħra għall-ħtiġijiet tagħhom. h) l-iskarpar jagħmel kull xorta ta' qrieq u żraben għall-poplu kollu li kien jiflaħ iħallas. i) il-buttar kien jagħmel il-krietel għaż-żebbuġ, il-btieti għall-inbid u l-bramel għall-ġbejniet. j) tal-fuħħar kien jagħmel kull xorta ta' qliel, qnanet, żjar, brared jew barradi, dorog, bombli, borom, pagni, bwieqi, imsiebaħ u mnajjar għall-bżonnijiet kollha tal-bidwi, għall-kċina, għall-ilma, u għall-ħażna. Kien jagħmel ukoll il-katusi għax-xogħol tal-bini.
Mix-xogħol u l-prodotti tal-biedja għalhekk tnisslu dawn is-snajja' tradizzjonali:
i) ix-xogħol ta' l-insiġ jew tan-newl mis-suf tan-ngħaġ u mill-qoton. Dan ix-xogħol kien isir saħansitra fil-preistorja għaliex instabu disinni ta' xogħol ta' l-insiġ fit-tempji megalitiċi tagħna. Fi żmien il-Feniċi u r-



Rumani kien fl-aqwa tiegħu u baqa' jeżisti kważi sa żmienna.
ii) ix-xogħol tan-newl kien irid miegħu x-xogħol taż-żebbiegħ li kien jiżbogħ id-drapp kif ikun irid il-klijient.
iii) id-drapp irid jinħat u f'Għawdex kien hawn diversi ħajjata u nies oħra li jirrakkmaw il-ħwejjeġ għall-klijenti. Ħafna xogħol kien isir fid-djar.
iv) il-ħwejjeġ iridu jinħaslu u dan ix-xogħol kien isir min-nisa bil-marżebba u bil-lissija (misħun imħallat bl-irmied tax-xebb jew ħaxixa tar-rmied) fuq il-maħsel fil-għajn tal-ħasselin.
v) il-prodotti tat-tgħam (qamħ u xgħir) joħolqu
a) ix-xogħol tat-taħħan bil-mitħna tal-miexi u bil-mitħna tar-riħ, u wkoll ix-xogħol ta' l-egħriebel u tat-tgħarbil. b) ix-xogħol tal-furnar, li dari kien jagħmel tliet xorta ta' ħobż: ħobż abjad għas-sinjuri u għall-morda, ħobż ismar għall-fqar u ħobż għan-nies tas-sengħa. Kien hemm ukoll il-ħobż ta' l-oħxon, tqil u mhux tajjeb għas-saħħa. Ironikament l-anqas ħobż sustanzjuż kien dak tas-sinjuri u tal-morda! c) il-mara tad-dar issajjar kull xorta ta' ikel: pastizzi tal-ġbejniet u ta' l-irkotta, qassatat, figolli għall-Għid, pudina għall-Milied, kagħak tal-għasel u tal-qastanija għall-ewwel tas-sena, prinjolata għall-karnival, kwareżimal jew ftajjar għar-randan, ftajjar tradizzjonali tal-ġobon u tas-sardin, u ikel ieħor marbut ma' festi tradizzjonali. d) Il-forn u t-tisjir fid-djar kien joħloq ħafna xogħol ta' ġbir tax-xewk u tal-ħatab mir-raba' u mill-kampanja.
vi) il-għeneb iġib miegħu s-sengħa tal-għasir ta' l-inbid u l-bejgħ tiegħu fil-ħwienet ta' l-inbid. Dari l-inbid kienet l-aktar xarba popolari.
vii) il-għasir ta' l-inbid jitlob ix-xogħol tal-buttar li kien jagħmel kull xorta ta' btieti u stringituri għal dan ix-xogħol u miżuri oħra għall-bejgħ tal-prodotti: il-kejla, is-siegħ, it-tomna, eċċ. Il-għassara kellhom il-ġiebja ta' l-inbid u btieti ta' kull daqs.
viii) il-ġarr u l-bejgħ tal-prodotti tal-biedja joħloq
a) ix-xogħol tal-pitkali bil-metodi antiki tal-bejgħ (it-talja, il-qannata, l-użin): il-miżien, il-piżien, l-istasija, il-paskola: nofs niskwart, nofskwart, nofs artal, ratal, ratlejn, wiżna, wiżintejn, qantar. b) ix-xogħol tas-sellar u tal-karrettuni. c) ix-xogħol tal-landier li kien jagħmel kull xorta ta' reċipjenti skond il-miżuri meħtieġa. Il-landier infatti kien jagħmel borom, stanjati, inbiebet (wieħed lenbut!), kejl taż-zejt, kejl ta' l-inbid, bwieqi għall-għasafar; kanni ta' l-ilma bil-bexxiexa għat-tisqija, u anki xi lampik! d) ix-xogħol tal-biċċier li kien joqtol il-bhejjem il-biċċerija u jbigħhom fil-ħanut tal-laħam.
ix) Kien hemm ukoll ħaddiema li kienu jagħmlu kull xorta ta' trabokki, gabbjetti, gaġeġ, gabbjuni għan-nassaba u d-dilettanti ta' l-agħsafar u tat-tajr.
L-ikkunsmar tal-prodotti tal-biedja u tas-sajd joħloq is-sengħa tat-tisjir. Ma' din is-sengħa li kienet tiġi pprattikata fid-djar kollha tal-Għawdxin hemm marbuta bosta ismijiet ta' ikel tradizzjonali: Ftajjar, fdewwex, ravjul, qassatat, pastizzi, kagħak (diversi tipi), xkumvat, kavati, aljoli, brodu, minestra, aljotta, qali, sfineġ, għaġin, għaġina, ħelu, qubbajt, figolli, pasti u bankonċini, gallett, biskott, ful u ċiċri inkaljati, eċċ.
Il-bidwi kien jagħmel ukoll xogħol speċjalizzat fil-ġbir ta' ċerti prodotti bħalma kienet il-qiegħa fuq l-andar, it-tisqija bis-sienja u l-kanali, il-ħsad tas-silla u l-ġbir tagħha, il-ġbir tal-ful niexef li kien jitfesdaq id-dar mill-familja, il-ħażna tal-prodotti li jridu jservu bħala għalf għall-bhejjem.
Il-bdiewa tax-Xagħra jispeċjalizzaw fil-frott irqiq u d-dwieli u minn hekk ġie l-isem tal-Pergla, ġnien tal-frott.
Il-bdiewa tan-Nadur jispeċjalizzaw fil-kultivazzjoni tat-tadam bikri fl-egħlieqi li jħarsu għal fuq il-baħar, frott irqiq u dwieli, u ħxejjex ta' l-ikel fir-raba' msoqqi mill-kotra ta' għejun naturali li nsibu fit-truf ta' dan ir-raħal.
Il-bdiewa ta' Għajnsielem, u ta' Kerċem (f'Wied il-Lunzjata), jispeċjalizzaw fit-tkabbir ta' ħxejjex tas-saqwi u ħxejjex aromatici - tursin, karfus, nagħniegħ, mertqux, ħabaq, u klin; u frott irqiq u dwieli.



Il-bdiewa ta' Kerċem, tal-Għarb u tal-Għasri jispeċjalizzaw l-aktar fil-bħajra (bettiħ u dulliegħ), qara' bagħli, ful, piżellli, patata u tadam.
Il-bdiewa taż-Żebbuġ fil-frott irqiq u d-dwieli, bħajra u ful.
Ir-Rabat u madwaru: kromb - pastard, kaboċċi, ġidra, ful, tadam, patata, piżelli, qoqoċċ, frott u dwieli.
Is-silla u ż-żara' jikbru kullimkien. Hekk ukoll il-bajtar tax-xewk.
Ix-xogħol tan-newl, barra li kien xogħol fih innifsu, kien isir f'ħafna djar ma' Għawdex kollu u kien joħloq xogħol ieħor:
Is-suf: il-ġeżż, il-ħasil (f'Sant'Anna), l-infix, il-għażil u wara l-insiġ. Dan ix-xogħol kważi kollu kien isir fid-djar.
Il-qoton: iż-żrigħ, il-ġbir tal-bjad tal-qoton, ifesdquh jew idommuh, jaħalġuh, idoqquh (għand id-daqqaq), jagħżluh (jagħmluh ħajt bir-raddiena jew fuq l-idejn bil-magħżel), ikebbuh bl-imkebba, u fl-aħħar jinsġuh.
Kien hemm ukoll ix-xogħol għas-seffieħa li kienet tipprepara wkoll il-ħjut fin-newl. Dan ix-xogħol ukoll fil-biċċa l-kbira kien isir fid-djar.
Sengħa oħra ta' dari u li llum ċertament għadha wisq popolari kienet dik tal-kaċċa u l-insib. Kien hawn kaċċaturi
a) tat-tajr, bl-ixkubetta, bil-falkun u bil-klieb, b) tat-tajr u ta' l-agħsafar bl-imnasab u bit-trabokki. c) tal-fenek bix-xbiek, bin-nemes u bil-klieb tal-fenek.
F'Għawdex kellna wkoll barrieri speċjalizzati għall-qtugħ tal-ġebel għall-kwiener, qtugħ tal-ġebel għall-bini u l-qtugħ tal-ġebel taż-żonqor għall-ewwel filati kontra l-melħ. Il-baqqunier kien iħaffer il-bjar u l-kanali.
Meta l-lavrant ma kienx ikollu x'jagħmel, l-imgħallem kien iqabbdu jagħmel il-ħereż għall-bjar, il-ħwat, il-kanali għall-ilma u l-qwieni u l-imwieżeb għad-djar.
Iż-Żebbuġ hemm ukoll il-qtugħ ta' l-oniċe, blat jew ġebel li meta jiġi llustrat isir il-ġmiel tiegħu, dari msejjaħ alabastru.
Insemmi fl-aħħar, għalkemm mhux l-inqas, is-sengħa tal-bizzilla li kienet hekk popolari u għamlet hekk ġid





u ġieh fl-imgħoddi lil Għawdex tagħna.
Għawdex ta' dari kien gżira tal-folklor per eċċellenza, folklor għani u rikk minn kull aspett, folklor li aħna l-Għawdxin għandna nkunu kburin bih. Għalkemm illum qiegħed jispiċċa fix-xejn, aħna fid-dmir li nagħmlu minn kollox biex nippreservaw it-tifkira tiegħu u ngħallmuha lil uliedna.

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

OUR PIZZA OVEN SPEAKS ITALIAN
SMUGGLER'S CAVE
Bar • Restaurant • Pizzeria
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 551005 - 551983




# IL-KARTAĠINIŻI

Mill-bliet kollha Feniċi, Kartaġni tisboq fuqhom kollha u hija l-aktar belt importanti fl-istorja ta' dan il-ġens hekk setgħani fl-istorja tal-Baħar tan-Nofs. L-istorja aktar tagħraf lilha fl-importanza tagħha milli lil-Tiru, fejn twieled dan il-ġens Feniċju u t-tmexxija tagħha fil-Punent tal-Mediterran, qatt ma ġiet kontestata sa mis-sitt seklu qabel Kristu sal-waqgħa ta' Kartaġni fis-sena 146q.K. Barra minn hekk aktar insibu evidenza arkeoloġika u letterarja dwar Kartaġni milli nsibu dwar il-bliet l'oħra kollha Feniċi flimkien.

Id-data ta' meta twaqqfet Kartaġni hija madwar is-sena 814 q.K. u għalkemm xi storiċi ma jaqblux dwar din id-data, hemm provi biżżejjed kemm arkeoloġiċi kif ukoll storiċi li jikkonfermaw din is-sena. Skond it-tradizzjoni, ir-Reġina Elissa, magħrufa wkoll bl-isem ta'Dido, flimkien ma' numru ta' nies setgħana minn Tiru telqu minn din il-belt Feniċja għax ma' qablux mar-Re Pigmalion, li kien jiġi ħu Elissa, u wara li għaddew Ċipru, fejn sabu xi nies oħra li ngħaqdu magħhom, baqgħu sejrin lejn Kartaġni fl-Afrika ta' Fuq. Hemmhekk akwistaw biċċa art żgħira li kien fiha fortizza qrib il-baħar. Hekk twaqqfet Kartaġni u din il-belt kibret u ssaħħet u setgħetha tferxet maċ-ċentru tal-Mediterran. Id-dħul tal-Kartaġiniżi fil-Gżejjer Maltin ma kienx għajr wirt paċifiku minn għand qrabathom il-Feniċi. Peress li kienu l-istess razza l-wirt kulturali baqa' għaddej minn wieħed għall-ieħor.

Skond il-kittieba Rumani Novius, Ċiċerun u Strabo, il-Maltin kienu razza ta'nies Puniċi u li l-gvern tagħhom kien simili għal dak tal-bliet Griegi. Huma kellhom kliem ta' tifħir għas-sbuħija tat-tempji bil-għana li kienu mżejjna bihom, għax-xogħol ta' l-insiġ bi ħjut imlewna ta' l-għażel mibrum u ta' drappijiet, għat-tonok twal li kienu jintlibsu minn taħt minn nisa tal-gżejjer, għall-qroll kulurit u maħdum, il-klieb li kellhom suf twil qisu tal-ħarir u li kienu mfittxa ħafna fi żmien ir-Rumani, u għall-għasel bnin tal-gżejjer tagħhom.

Il-Kartaġiniżi daħħlu fil-Gżejjer Maltin is-siġar taż-żebbuġ u tal-ħarrub u barra dan fetħu swieq mal-pajjiżi ġirien. Peress li l-ħwejjeġ tal-Maltin ta' żmien il-Kartaġiniżi kienu magħmula minn materjal li jispiċċa, ftit kienu l-oġġetti li nstabu. L-aktar li nstabu huma xi fdalijiet tal-fuħħar, li hu rari ħafna f'Kartaġni stess iżda jinsab abbundanti f'Malta u aktarx li kien l-ispeċjalita' ta' l-idejn tal-ħaddiema Maltin.

Il-muniti tal-bronż li ntużaw fi żmien il-Kartiġiniżi fihom karattri puniċi-griegi-rumani stampati fuqhom bi xbihat ta' l-allat li kienu jqimu. Inkixfu wkoll oqbra, statwi, ġarar, bombli, qolol u msiebaħ. Iżda bla dubju ta' xejn l-aktar oġġett importanti li ħallewlna l-Kartaġiniżi huwa l-kitba li ġiet minquxa fuq żewġ kandilabri, (ara il-ħarġa ta' Frar taħt Melkart). Peress li din il-kitba qegħda f'żewġ lingwi, dik Punika u dik Griega, u li kienu qed igħidu l-istess kliem, dan il-fatt għamilha possibli lil Abbe' Barthelemy ta' Pariġi, biex jiddeċifra l-kitba Punika u hekk reġa ssawwar l-alfabett Kartaġiniż li kien ilu li ntesa.

## Ras il-Wardija

Dwar bini ta' żmien Puniku, li nsibu huwa biss biċċa rħama li fuqha (ara l-ħarġa ta' Frar, bilħaq, irrid niġbed l-attenzjoni li bi żball, ir-ritratt ta' din l-irħama qiegħed juriha bil-maqlub. Il-kliem fuq l-irħama jrid jinqara mill-lemin għax xellug, bil-parti miksura u nieqsa tinsab fuq ix-xellug ta' l-irħama) hemm kitba li tfakkar il-bini u r-restawr ta' erba' mqades; kif ukoll is-sejba li kienet skavata f'Ras il-Wardija, 'l ġewwa minn Kerċem, mill-Missjoni Arkeoloġika ta' Ruma fl-1960, sit li ġie deskrit bħala post interessanti ta' arkitettura sagra ta' żmien Puniku.

Mill-iskavi li saru ftit nafu kif kien imqassam il-post. Il-pjanta turi li l-maqdes kien imdawwar b'ħajt biex iżommu mistur, u li t-tempju kien jikkonsisti minn żewġ strutturi fuq żewġ livelli — il-parti t'isfel li kienet tinkludi parti mit-tempju f'forma rettangulari mperċa kważi f'xifer il-blat f'għoli ta' madwar 180 metru fuq il-livell tal-baħar u l-parti l-oħra li nbniet fuq livell ogħla fuq ir-riħ ta' għar imħaffer bl-idejn fil-blat li quddiemu nsibu bħal pjattaforma li fiha hemm minquxa fil-wiċċ tal-blat bir u bħal banju. Dawn ta' l-aħħar jinsabu kważi dejjem f'siti ta' l-istess żmien fl-Afrika ta' Fuq u bnadi oħra. L-iskavi kixfu wkoll il-fatt, li l-post kien baqa' jintuża mir-Rumani, li għamlu fih tibdil strutturali sostanzjali u għalhekk huwa kważi mpossibli li tgħid kif kienet il-kostruzzjoni fi żmien Puniku. Interessanti huwa l-fatt li, kif semmejt qabel, is-sit huwa mqassam f'żewġ livelli, wieħed baxx u ieħor għoli. Fi skavi ħafna akbar minn ta' Ras il-Wardija, li saru f'bosta siti puniċi fl-Afrika ta' Fuq, Sqallija u partikularment f'Sardinja juru dejjem dan it-taqsim ta' livelli f'postijiet sagri, li jkunu mifruda minn fejn kienu joqgħodu n-nies. Kienet tinstab parti għolja li tħares fuq l-ibliet biex fuqha jinbena t-tempju. Eżempju tajjeb huwa t-tempju ta' Exmun f'Kartaġni li nbena fuq l-ogħla parti ta' l-akropoli ta' dik il-belt. Fil-fatt anke t-tofet (ara il-ħarġa ta' Frar taħt Is-sagrifiċċju tal-Molk ) kienu jiġu mibnija f'postijiet ogħla mill-kumplament tal-belt. It-tempji Puniċi kollha, bħal Ras il-Wardija, kienu mibnija fuq sistema ta' kmamar rettangulari u l-ġebel li kien jintuża kien jinqata' kbir u rettangulari u kien ikun hemm bżonn ta' ħaddiema esperti biex jaqtgħuh, jaħdmuh, jitrasportawh u jibnuh. B'dan f'moħħna nistgħu nissopponu xi kwalilta' ta' binja kienet tkun. Barra minnhekk ma ninsewx fejn hu mqiegħed dan il-post. Biex tasal għalih trid tmur fuq l-iktar ponta mbiegħda fil-Punent ta' Għawdex fejn issib waħda mill-isbaħ veduti tal-gżira tagħna. Fuq il-lemin tilmaħ taħtek il-ġmiel tad-Dwejra bil-Ġebla tal-Ġeneral, il-Qawra u t-Tieqa ż-Żerqa u faċċata u lejn ix-xellug wesgħa mmensa tal-baħar Mediterran. Żgur li kellhom xi ħaġa kbira b'moħħhom meta għażlu dan il-post.

### Il-kitba fuq il-kandilabru:

*Lill-Melkart Sidna, sid il-belt ta' Tiru, Għamel din il-wegħda Abdasar ma' ħuh Aserkemor It-tnejn ulied Asirxehor bin Abdasar Jisma' kliemhom u jberikhom.*



**Kartaġiniż**



**Grieg**

ΔΙΟΝΥΣΙΟΣΚΑΙΣΑΡΑΠΙΩΝΟΙ

ΣΑΡΑΠΙΩΝΟΣΤΥΡΙΟΙ

ΗΡΑΚΛΕΙΑΡΧΗΓΕΤΕΙ




BOOKMARK

*Żewġ Kotba oħra ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*

## STORJA TAL-MARJOLOĠIJA




Il-Papa Ġwanni Pawlu II jiftaħ l-ittra "*Tertio Millennio Adveniente*", ittra li permezz tagħha ħabbar il-Ġublew il-Kbir, ġublew li jfakkar l-elfejn sena mill-Inkarnazzjoni ta' l-Iben t'Alla, billi jikkwota frażi mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin (4,4): "Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara" (TMA 1). Dan il-versett, li huwa l-eqdem wieħed fl-istorja tal-Marjoloġija, juri biċ-ċar li ma nistgħux nitkellmu minn Marija jekk ma nitkellmux minn Kristu. Il-Verġni Marija għandha l-istorja tagħha magħquda ma' dik ta' Kristu. Forsi ftit nafu dwar kif nibtet, kibret u ssaħħet il-qima lejn din il-Mara, li sa mill-bidu ssib ruħha fil-Pjan tas-Salvazzjoni tagħna.

"**Storja tal-Marjoloġija**", id-disa' kitba marjana ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex, huwa ktieb li l-għan tiegħu huwa li jgħinna nifhmu l-iżvilupp ta' tagħlim li sar matul is-sekli dwar il-figura tal-Verġni Marija. Dan kollu huwa miġbur fi ktieb ta' 90 paġna li huma mqassma fi tnax-il kapitlu. Kif jistqarr l-awtur innifsu fid-daħla tal-ktieb, dan huwa kontinwazzjoni ta' kitba oħra tiegħu, "**Il-Madonna fit-Tagħlim tas-Santi Padri**", minħabba li f'dan il-ktieb huwa jitkellem l-aktar dwar l-aħħar tliet epoki tal-Marjologija, jiġifieri dik Medjevali, moderna u kontemporanja. Barra t-tnax-il kapitlu, li jagħtu ħarsa ħafifa u qasira ta' dak kollu li l-Knisja għallmet dwar il-Verġni Marija, interessanti ħafna fil-fehma tagħna hija ż-Żieda li tinsab fit-tmiem tal-ktieb fejn l-awtur jagħtina lista sħiħa ta' l-Enċikliċi u Dokumenti Marjani li tawna l-Papiet minn Piju IX sal-Papa preżenti.

Kull min jixtieq isir jaf aktar dwar il-Verġni Mbierka u jixtieq li jkompli jkabbar il-qima tiegħu lejn din l-Omm tas-Sema, għandu jakkwista dan il-ktieb. Il-ktieb ġie ppublikat mil-*Lumen Christi Publications* u jinbiegħ Lm2 mingħand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.

***Dun Gerard Buhagiar***

## IL-QUDDIESA MFISSRA




Wara l-ewwel tliet volumi ta' natura storika, bdew jaslulna l-aħħar tlieta fis-sensiela "*Għejun ta' Katekesi*". Ilkoll għandhom għan kateketiku, u huma ntiżi bħala għajnuna għas-Sena Mqaddsa anki jekk b'ton pjuttost dottrinali, sagramentali jew liturġiku.

Ir-raba' volum, "**Il-Quddiesa Mfissra**", iwasslilna t-tagħlim dwar il-kobor u s-sbuħija tas-sagrifiċċju ewkaristiku, fejn Mons. Isqof Nikol Cauchi joffrilna dan kollu f'46 parti b'tifsir mill-bidu sat-tmiem, minn xħin jilbes is-saċerdot sa xħin jibgħat il-ġemgħa fil-Paċi ta' Kristu.

"Il-Quddiesa Mfissra" hija t-tieni edizzjoni iżda riveduta wara 15-il sena, u l-qarrej isib mhux inqas minn 42 stampa mifruxin tul is-7 taqsimiet, li jibdew mill-ħwejjeġ meħtieġa għas-Sagrifiċċju tul is-sena liturġika sar-riti ta' l-għeluq. Wieħed isib ukoll żieda dwar it-tifsir tat-talbiet ewkaristiċi kollha, inklużi dawk tar-Rikonċiljazzjoni u tal-Quddiesa tat-Tfal. Ma tonqosx żieda oħra li tiġbor b'mod skemat l-istorja tat-tibdil liturġiku tal-Quddiesa minn żmien l-Appostli sa qabel il-Konċilju Vatikan II.

Is-suġġett tal-ktieb jaqbel mas-sejħa tal-Papa Ġwanni Pawlu II li nieda s-Sena tal-Ġublew bħala waħda ddedikata lill-Ewkaristija. Permezz tal-Quddiesa jibqa' preżenti fostna taħt l-ispeċi ewkaristiċi l-Iben t'Alla li sar bniedem elfejn sena ilu.

Stampat fuq *art paper*, fil-faċċata quddiem insibu ritratt tal-Papa jqaddes fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-1990, meta ġie fostna, tifkira għażiża ta' għaxar snin ilu.

Kopja ta' dan il-ktieb tista' tinkiseb mil-*Lumen Christi Bookshop*, Victoria, jew mingħand il-librara prinċipali ta' Malta u Għawdex għall-prezz ta' Lm1.50.

***Mons. Salv Grima***

BOOKMARK

# The Placenames of the Coast of Gozo (Malta)

### *Reċensjoni mill-Kav. Joe M. Attard*




Joe Zammit Ciantar, *The Placenames of the Coast of Gozo (Malta)*, Malta 2000; ippublikat mill-awtur stess. Illustrat. LM4.95

Kif juri l-istess isem, dan il-ktieb jittratta dwar l-ismijiet tal-kosta tal-gżira ta' Għawdex, ġabra li flimkien ma' dik ta' l-ismijiet ta' fuq l-art - ta' bliet, irħula, għoljiet, widien, għejun, għelieqi u l-bqija - Joe Zammit Ciantar ilu jaħdem fuqha minn meta beda jiġbor l-ismijiet ta' postijiet ta' Għawdex għat-teżi ta' l-M.A. tiegħu *"A Linguistic Study of Gozitan Toponomy"*, fl-1973, minn mapep, kotba manuskritti, u nies li kienu jgħixu fil-lokalità.

Fil-waqt li l-biċċa l-kbira ta' l-ismijiet tal-postijiet ta' fuq l-art spiss issir referenza għalihom fl-atti tan-nutara, ħafna u ħafna mill-ismijiet ta' postijiet ta' mal-kosta - irdumijiet, għerien, blat, daħliet, sikek, bajjiet u f'naf jien kullimkien mad-dinja kollha, jekk ma jidhrux fuq xi mappa, jeżistu biss għax jintużaw fil-ħajja ta' kuljum min-nies tal-qrib, ta' madwar l-inħawi. U biex ġabar l-ismijiet li dan l-istudju jittratta, Zammit Ciantar iltaqa' ma' ħafna nies - għadd ġmielu minnhom sajjieda mil-lokalitajiet differenti ta' Għawdex, matul dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena.

Dan l-istudju fih dan il-kontenut:-

- ***Introduction:*** F'din id-daħla, l-awtur jagħti tagħrif dwar l-istudju ta' l-ismijiet tal-postijiet, xjenza lingwistika li nsejħulha *toponomastika*. Fl-istudju tat-toponomastika Maltija, l-aktar li jispikkaw huma l-Kan. Gian Piet Franġisk Agius De Soldanis, Erin Seracino Inglott, Prof. Ġużè Aquilina u l-Prof. Godfrey Wettinger.
- Kapitlu 1 : ***The Maltese Islands.*** F'dan il-kapitlu nsibu tagħrif ġenerali dwar il-gżejjer Maltin, l-istorja ta' Malta u l-lingwa Maltija. Għall-benefiċċju tal-qarrej barrani l-awtur jinkludi wkoll l-alfabet Malti b'sinjali li juru kif għandhom jitleħħnu sewwa fil-Malti.
- Kapitlu 2 : ***The Islands and their names.*** Hawnhekk insibu tagħrif u tifsir dwar l-ismijiet tal-gżejjer Maltin ewlenin, jiġifieri ta' Malta u Għawdex (u kif tnissel l-isem *Gozo*), ta' Kemmuna u Kemmunett u Filfla.
- Kapitlu 3 : ***About Gozo.*** Interessanti t-tagħrif dwar Għawdex li nsibu f'dan il-kapitlu li jinkludi informazzjoni li l-awtur stess skopra f'kodiċi u f'manuskritti f'biblijoteki barra minn Malta. Bi mħabba kbira Zammit Ciantar jikteb dwar is-silta Omerika fejn Calypso (isem li spiss jintuża b'riferenza għal Għawdex) laqgħet u ttantat iżżomm jgħix magħha lil Ulisse.
- Kapitlu 4 : ***The Placenames of the Coast of Gozo***. X'aktarx li dan il-kapitlu jista' jitqies bħala l-aktar importanti fil-ktieb kollu. Fih, l-ismijiet kollha tal-postijiet tal-kosta ta' Għawdex huma mogħtija wara xulxin, f'dawra kif jaħdem l-arloġġ, mid-Dwejra sad-Dwejra. Fin-noti taħt it-test, l-awtur jagħni b'tagħrif supplimentari lil dawk l-ismijiet u/jew postijiet li hemm xi tgħid fuqhom. F'dan il-kapitlu Zammit Ciantar jipproduċi anki xi stampi u ritratti nteressanti.
- Kapitlu 5 : ***The Placenames - an alphabetical list.*** Dan il-kapitlu jikkonsisti f'lista alfabetika ta' l-ismijiet kollha li nsibu fil-kapitlu 4.
- Kapitlu 6 : ***A Glossary of the words forming part of the placenames.*** Għal min jinteressah ifittex it-tifsir ta' kull kelma li tagħmel parti minn isem ta' post, dan huwa l-kapitlu li jaqta' l-kurżità. Dan huwa glossarju tal-kliem kollu ta' l-ismijiet tal-postijiet. Ma' kull kelma l-awtur jagħti dan it-tagħrif: id-derivazzjoni Semitika jew Rumanza, il-ġens, l-għadd, minn fejn tnisslet il-kelma u t-tifsir propju tagħha.

Il-ktieb fih ukoll żewġ appendiċi: biblijografija mdaqqsa u mappa ta' Għawdex (bil-kulur, ta' qies A3 u tintewa) bl-ismijiet Victoria (Rabat) u dawk ta' l-irħula kollha, tal-għoljiet u l-widien ewlenin, u ta' bosta postijiet fuq l-art, imma fuq kollox – naturalment, ta' ħafna minn dawk tal-postijiet prominenti fuq il-kosta ta' Għawdex.

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## INFLUWENZA Y2K

**Mat-tokki ta' l-arloġġ f'nofs il-lejl tal-31 ta' Diċembru 1999, kulħadd stenna li l-problema tal-Y2K kienet ser tolqot lill-kompjuters tad-dinja kollha u jkun hemm taħwida sħiħa fid-dati tal-kompjuters. Minn dan ma ġara xejn u kulħadd qed jgħid li għamilna għaġeb għalxejn! Iżda tip ieħor ta' mikrobu li tfaċċa ftit jiem wara l-bidu tal-millennju kien il-virus ta' l-influwenza li għamel straġi sħiħa tan-nies tista' tgħid madwar id-dinja kollha.**

L-influwenza li kien hawn kienet waħda qawwija u konna ilna ma nsofru bħalha minn Diċembru 1997 meta tip ta' nfluwenza li oriġinat mill-għasafar ta' Hong Kong qabżet għal fuq in-nies u kienu rrapurtati mwiet ukoll.



It-tip ta' virus kien ilu jiċċirkula tliet snin u x-xjentisti tawh l-isem ta' Type A Sydney. Minħabba l-kwantità ta' vjaġġar fid-dinja tal-lum, il-virus jivjaġġa wkoll u għalhekk tferrex tista' tgħid madwar id-dinja kollha. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-mard ma għandux fruntieri. Anke fl-Alaska kienu rrapurtati numru ta' nies morda bl-influwenza iktar minn snin oħra.

L-influwenza hija marda li taffetwa s-sistema respiratorja u tgħaddi minn bniedem għal ieħor permezz ta' għatis, sogħla jew kuntatt bin-nifs ma' persuna li għandha l-marda. L-influwenza, bħalma jaf kulħadd, tikkawża deni, sogħla, uġigħ fl-għadam u l-pazjent ikun ma jiflaħx għal madwar ġimgħa. L-ikbar biża' ta' l-influwenza hija li jista' jkun hemm ċerti kumplikazzjonijiet bħal infezzjonijiet fil-pulmuni. Għalhekk nies anzjani, nies morda bil-qalb u d-dijabete jew nies ibatu mill-ażma, anke żgħar, jistgħu jispiċċaw b'xi pulmunite li hija marda serja u anke fatali. Għalhekk huwa mportanti ħafna li dawn il-persuni jkunu mlaqqma kontra l-influwenza kmieni kemm jista' jkun, ta' kull sena. Hawn Malta t-tilqim jibda jingħata fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru. L-ideja li t-tilqima ser tagħti protezzjoni kompleta hija żbaljata. Dan għaliex l-

ewwelnett mhux tip wieħed ta' virus hemm u l-istess tip ta' virus jinbidel minn żmien għal żmien. Min huwa f'saħħtu suppost ma għandux bżonn it-tilqima. Iżda min ibati b'xi waħda mill-kundizzjonijiet li semmejna fuq jew li qiegħed jieħu l-kimoterapija jew huwa anzjan għandu jingħata preferenza u jingħata t-tilqima. Min ikollu ħafna kuntatti mal-morda għandu jitlaqqam ukoll. Għalkemm l-influwenza xorta tista' taqbdek din tkun inqas qawwija u tgħaddilek iktar malajr. S'issa t-tilqima hija l-unika arma li għandna kontra l-influwenza.

Iżda barra t-tilqima hemm diversi affarijiet oħra li nistgħu nagħmlu biex innaqqsu l-mard. L-ewwel ħaġa mportanti hija li nżommu l-iġene personali tajba billi naħslu jdejna ta' spiss u nevitaw kuntatti ma' nies oħra meta jkun hemm ħafna mard billi ma mmorrux f'postijiet pubbliċi: bħal ħwienet tax-xorb, każini eċċ. speċjalment jekk inkunu morda. L-influwenza rridu neħduha iktar bis-serjetà u ma għandniex nippretendu li nibqgħu għaddejjin bix-xogħol tagħna minkejja li jkollna l-influwenza. Meta jkollna l-influwenza jkollna bżonn il-mistrieħ u barra minn hekk ma nxerrdux il-virus ma' kullimkien u lil ħaddieħor!

Fil-futur jista' jkollna xi mediċini (Relenza, Tamiflu, Flumadine, Symmetral) kontra l-influwenza, iżda dawn ma jfejqux mill-influwenza, iżda jnaqqsu l-qawwa tagħha. Barra minn hekk trid teħodhom fl-ewwel 24 siegħa li tibda l-influwenza. Dawn bħal kull mediċina oħra għandhom is-*side effects* u mhux tajbin għal kulħadd fosthom in-nies li jbatu bl-ażma. Hawn ta' min jgħid kelma dwar l-antibiotiċi. Dawn ma għandhom l-ebda effett kontra l-virus ta' l-influwenza. Għalhekk huwa ħażin li mingħajr il-parir tat-tabib nieħdu dawn il-mediċini meta jkollna l-influwenza. L-użu ta' l-antibiotiċi għandna nħalluh f'idejn it-tabib tal-fiduċja tagħna li jiddeċiedi hu jekk għandniex bżonn l-antibiotiċi jew le.

L-aħjar soluzzjoni u ilqugħ kontra l-influwenza huwa billi tieħu t-tilqima kmieni qabel tidħol ix-xitwa. Fil-futur jista' jkollna tilqima kontra l-influwenza forma ta' *spray* li jkun applikat fl-imnifsejn. Għalhekk għal min jibża' mit-titqib, din hija aħbar tajba. Illum aktar huwa faċli tilqa' kontra l-influwenza permezz ta' tilqima sempliċi milli tfiq mill-influwenza.

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

*EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX*
*U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM*

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

*ta' TONY CAMILLERI*

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*
**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

*PREZZIJIET RAĠJONEVOLI*

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# Għawdex Sportiv

## *WASLET EDIZZJONI OĦRA TAL-ISPORTIVI GĦAWDXIN*



*Il-Ministru għal Għawdex tippremja lil Eddie Vella bħala l-ewwel Sportiv tal-Passat, premju li beda jiġi mogħti mill-edizzjoni tas-sena l-oħra.*

It-tnax l-edizzjoni tal-Konkors Sportivi Għawdxin waslet ukoll u f'dawn il-jiem żdiedet il-ħidma tal-Bord Sportiv Għawdxi, l-organizzaturi tal-Konkors. Dan il-Bord Sportiv fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bir-raġun iħossu sodisfatt bil-livell milħuq tas-serata finali. Fuq bażi volontarja, il-Bord dejjem jara kif itejjeb il-kwalità. Kienet xi ħaġa ta' min jammiraha li dan il-Konkors tqiegħed ukoll bħala waħda mill-prijoritajiet fl-istatut imfassal mill-istess Bord is-sena li għaddiet.

Wieħed jemmen li dan l-avveniment tant importanti fil-kalendarju sportiv Għawdxi għandu jistimola ferm iktar lill-isportivi lokali. Huwa xieraq ukoll li tiġi mogħtija l-pubbliċità kollha li permezz tagħha jiġu mħajra iktar żgħażagħ biex fiżikament jipparteċipaw f'xi tip ta' sports. Wieħed irid janalizza wkoll bis-serjetà dan il-konkors fid-dawl tal-kunċetti veri sportivi. Hemm bżonn eżami komplet ta' kif għandu jiġi trasmess l-ideal ta' ħtieġa li l-bniedem idaħħal l-isports fir-rutina ta' ħajtu. B'dan kollu wieħed ikun isaħħaħ lilu nnifsu kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Fl-istess waqt l-isports huwa mezz tajjeb biex jgħin lill-bniedem jgħix ħajja aħjar u tgħallmu jaħdem u jikkopera mal-oħrajn. Is-sens ta' kompetittività fl-isports għandu s-siwi tiegħu ukoll ghax jiswa ta' miżura, jagħtina kejl u qisien aħjar, jurina kemm irnexxielna nżommu l-pass u nimxu 'l quddiem fil-prestazzjoni tagħna. Madankollu l-kompetittività qatt m'għandha tinbidel f'antogoniżmu fir-rigward tal-avversarji, il-kompetituri kif ukoll versu l-uffiċjali. Jekk jiġri dan ikun qed jinqered minflok jitkattar is-sens sportiv. L-għaqda fl-isports għandha dejjem tibqa' l-iktar fattur importanti.

Kulħadd irid iħares lejn il-prattika sportiva bħala investiment qawwi għal gżira żgħira bħal tagħna. L-isports għandu jservi ħalli s-soċjetà timmatura iktar u dan ikun ta' fejda għall-pajjiż kollu. Biex dan kollu jseħħ, kulħadd għandu jerfa' r-responsabiltà tiegħu u jkun ta' eżempju b'ħidmietu. B'hekk l-atleti jiġu mmotivati u dan jissarraf







*jikteb Joe Bajada*

f'titjib fil-prestazzjonijiet individwali. Hemm bżonn li titwarrab il-passività minn uħud. Jekk dan ma jsirx, jiġri li dawn l-atleti jsiru kompliċi, bla ma forsi jindunaw, ta' ċerta apatija li xxekkel u teqred l-isports. Fil-fatt hija sitwazzjoni reali ta' xi wħud fl-isports Għawdxi.

Jien nemmen li bil-koperazzjoni ta' kulħadd naslu biex l-isports f'Għawdex iqum fuq saqajh tant li jagħmel ġieħ lill-isportivi kollha. Importanti ħafna l-għaqda fost l-assoċjazzjonijiet sportivi Għawdxin. Bil-limitazzjonijiet eżistenti m'hemmx lok ta' indifferenzi. Importanti ftehim u koperazzjoni. Hemm bżonn li t-tajjeb ta' kulħadd jiġi apprezzat u b'iżjed tolleranza jingħelbu ċerti diffikultajiet interni ta' wħud, biex b'hekk kulħadd joħroġ rebbieħ.

Fir-rigward tal-konkors, jeħtieġ ukoll li l-assoċjazzjonijiet jibagħtu aktar dettalji preċiżi dwar l-atleti nominati min-naħa tagħhom. Dan għax mhux l-ewwel darba li ġrat li d-dettalji li jintbagħtu jkunu aktar fuq il-karriera ġenerali tal-individwu milli dak li għamel u kiseb matul is-sena partikulari.

L-awguri tiegħi huma li għal darb'oħra nassistu għal festa sportiva li tagħmel ġieħ lil dawk kollha li jieħdu sehem u lill-istess organizzaturi tal-Bord Sportiv Għawdxi.

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau, Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr., Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277



AXIAK BROS.
(STONE DECORATORS) LTD.
EXPORT/LOCAL LIMESTONE DECORATIONS MANUFACTURERS
IMPORTERS OF SLATE TILES
Factory:
Xewkija Industrial Estate,
Taflija Road, Xewkija – Gozo
Tel/Fax: 560252
Mobile: 0947 7866 / 0947 7865

Għal kull xorta ta' żebgħa
- żebgħa tal-ħajt
- żebgħa ta' l-injam
- żebgħa tal-pinzell

Mijiet ta' kuluri li jistgħu jitħalltu fil-post f'inqas minn ħames minuti

RAINBOW PAINTS

TAL-MUDELL HARDWARE SHOP

Shaun Debono,
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Gozo
Tel: 55 4131

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 560331

Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

# MALTA U D-DINJA VIRTWALI

***Għal dan ix-xahar ħsibt li nieħu ftit kummenti ta' Martin Debattista, ġurnalista u xandâr regolari dwar l-internet f'Malta, dwar l-użu tal-internet f'Malta u siti relatati ma' Malta fid-dinja virtwali.***

***Għalkemm l-internet daħal f'Malta fis-snin disgħin, jidher li nfirex sew. Kif tispjega din il-popolarità? Ġara l-istess f'pajjiżi oħra?***

Ir-rata ta' espansjoni ta' l-internet f'Malta mhix waħda għolja meta mqabbla mal-medja Ewropea. Ir-raġunijiet huma diversi, imma l-iktar waħda importanti hija li l-kwalità tas-servizz fl-ewwel snin ta' l-internet f'Malta (1995-1999) kienet ħażina u kien hawn ħafna tgergir fost il-*users*. Raġuni oħra kienet li ma kienx hawn koordinazzjoni u kollaborazzjoni bejn il-partijiet ewlenin, li huma l-awtoritajiet, is-*Service Providers* u l-*users*, biex dawn jiġbdu ħabel wieħed u jgħinu l-iżvilupp ta' l-internet f'pajjiżna. Element importanti, dak edukattiv, kien nieqes ħafna wkoll u sal-lum, is-sena 2000, il-maġġoranza l-kbira ta' l-iskejjel tal-Gvern għadhom mingħajr aċċess għall-internet.

***Malta hija rappreżentata b'diversi siti tajba fuq l-internet. Tagħtina xi ħjiel dwar l-ewwel siti Maltin online?***

Niftakar li l-ewwel darba li mort fuq l-internet kont żort lil Malta Virtwali ta' Grazio Falzon, emigrant Malti li jgħix fl-Istati Uniti. Nistgħu ngħidu li s-*site* tiegħu kienet waħda minn ta' l-ewwel dwar Malta fuq l-internet li saħansitra bdiet qabel il-Maltin stess kellhom aċċess għall-internet f'Malta! Jien kelli x-xorti li naħdem fil-qrib ma' Grazio u intervistajtu diversi drabi. Fil-fehma personali tiegħi huwa għen ħafna biex Malta titpoġġa fuq il-mappa ta' l-internet. Illum Malta Virtwali se tittrasforma ruħha fis-sit *aboutmalta.com*, li ser jinkludi informazzjoni dwar l-aspetti varji tal-gżejjer Maltin. Proġett ambizzjuż li jixraq lil Grazio għas-sehem li ta u jixraq lil Malta. *Website* oħra pijuniera hija s-*SearchMalta*, l-ewwel u l-aqwa direttorju tal-paġni Maltin fuq l-internet. Mingħajr dubju din hija l-iktar *website* popolari fuq l-internet u dan kollu huwa riżultat ta' l-isforz ta' bniedem wieħed: Antoine Zammit, emigrant ieħor Malti fl-Istati Uniti.

***Barra li int kittieb u xandâr regolari dwar l-internet f' pajjiżna, inti wkoll editur tas-servizz ta' l-aħbarijiet MaltaMedia. Kemm kien jinħass il-bżonn ta' servizz ta' aħbarijiet fuq l-internet? Qed jintlaqa' tajjeb? Tista' tagħtina ħjiel dwar kemm iżuruh nies?***

Sa mill-ewwel ġurnata li mort fuq l-internet u bdejt nikkorrispondi ma' l-emigranti Maltin, mill-ewwel beda jinħass ċar kemm dawn l-emigranti huma għatxana għall-aħbarijiet minn Malta. Sfortunatament għal ħafna snin ftit kien hawn servizzi ta' l-aħbarijiet li setgħu jaqtgħu dan l-għatx. Fost l-oħrajn kien hemm gazzetti bħal KullĦadd, in-Nazzjon u l-Mument li kienu jtellgħu xi artikli minn tagħhom fuq l-internet. Ftit wara beda wkoll il-PBS, imma s-servizz ma kienx regolari. Għalhekk kien jinħass il-bżonn ta' servizz ta' l-aħbarijiet minn u dwar Malta li jkun magħmul apposta għal fuq l-internet u li jkun regolari, affidabbli u bilanċjat. B'dawn ir-rekwiżiti essenzjali f'moħħna, it-tim ta' MaltaMedia f'Ġunju ta' l-1999 nieda s-Servizz ta' l-Aħbarijiet ta' MaltaMedia. Dan kien avveniment storiku għaliex kien l-ewwel servizz ta' aħbarijiet minn Malta esklussiv għall-internet, għaliex l-istejjer jidhru biss *online* u fuq l-ebda mezz ieħor tax-xandir. Is-servizz kiseb popolarità mmedjata għaliex issodisfa l-ħtiġijiet tal-*users*. F'Jannar tas-sena 2000 is-servizz kellu medja ta' 2,000 viżitatur kuljum, jew kwazi miljun *hit* f'xahar! Dan kien xahar rekord għas-servizz. Fil-ġimgħat u xhur li ġejjin is-servizz se jespandi kemm fil-kwantità u kemm fil-kwalità biex ikompli joffri l-aħjar servizz ġurnalistiku *online* minn Malta.

***Taħseb li Malta qed tisfrutta l-opportunitajiet li joffri l-internet jew għad fadal ħafna x'isir f'dan il-qasam?***

Jekk tqabbel Malta ma' pajjiżi oħra Ewopej u ma' l-Istati Uniti ssib li qegħdin lura diversi snin f'ċerti affarijiet. Fil-fehma tiegħi saru ħafna żbalji, u għadhom isiru, li qed ixekklu l-iżvilupp ta' l-internet f'pajjiżna. Fost dawn hemm in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet, tkaxkir tas-saqajn fit-teħid ta' deċiżjoni, nuqqas ta' għaqda bejn il-*users*, mentalitajiet antiki u burokrazija żejda. Jekk trid, Malta tista' sservi bħala *testbed* fejn isiru esperimenti fil-qasam ta' l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u tista' tkun ukoll pont li minnu jgħaddu teknoloġiji mill-pajjiżi Ewropej lejn l-Afrika u l-Lvant Nofsani. Jekk inħarsu lejn dak li għamlet l-Irlanda f'dan il-qasam għandna nieħdu tagħlima. U bir-riżorsi umani eċċellenti li għandna, m'għandniex għalfejn infallu.




L-***APLUS Account*** huwa kont ġdid għal self fuq darek jew proprjeta' oħra għall-użu personali tal-familja tiegħek.
Bl-***APLUS Account*** għandek faċilita' ta' overdraft ta' 10% ghal bzonnijiet rikurrenti tiegħek

**....U DAN MHUX KOLLOX**

Is- self jingħata fuq massimu ta' 30 sena jew sa' ma tirtira.

Sib il ħin biex tigi tkellimna. Informa ruħek fuq il-vantaġġi kollha tal-***APLUS Account*** u kif tista tiffranka eluf ta' liri fuq is-self għal darek.

Għal aktar informazzjoni ċempel fuq: **243 243**

APS BANK



The All-new CELICA
Face-to-face with Excitement
Front on, the assertive stance and stylish poise
ignite a passion for driving excitement.
Futuristic headlamps and aggressive air intake
meld form with function.
Open up the New Celica!
CELICA
TOYOTA
debono
Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806 / 465642
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer - Tel: 556678 / 553715